**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA**

**L-EZAMI TAC-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

# IL-MALTI

**MEJJU 2015**

# IR-RAPPORT TAL- EZAMINATURI

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U**

**TAC-CERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

# IR-RAPPORT TAL-EZAMINATURI TAL-MALTI
# FIL-LIVELL TAC-CES
# MEJJU 2015

## Introduzzjoni

Qabel nibdew, ngħidu li dan ir-rapport huwa ġabra ta' kummenti mingħand 25 marker. Il-kummenti ġew editjati, imma ma nbidel xejn mis-sustanza ta' kliem il-markers. Dan ifisser li minn paragrafu għal ieħor jaf ikun hemm xi materjal irrepetut jew li jikkontradixxi xi kumment mogħti qabel. Ir-raġuni għal dan hija li kull marker kellu għadd ta' skripts biss x'jimmarka u għalhekk dak li marker ikun sab fl-iskripts li mmarka hu seta' kien differenti minn dak li sab ħaddieħor f'tiegħu. Għaldaqstant, il-kummenti tagħhom ikunu differenti. U dan ir-rapport, li jfittex li jkun deskrittiv, juri din id-differenza u juri wkoll l-esperjenzi tal-markers. Barra minn hekk, fejn dan ir-rapport jagħti l-aspetti negattivi tax-xogħol tal-kandidati jkun irid jagħti ħjiel tal-perċezzjoni tal-kandidati fejn tidħol il-lingwa (jiġifieri, x'xorta ta' tagħlim ikunu xorbu l-kandidati). U l-ħafna żbalji tal-ortografija kkwotati għandhom il-funzjoni li jtanbru l-idea li wara bosta snin ta' tagħlim tal-Malti l-istudenti xorta jibqgħu jispellu ħażin.

Dan l-eżami jittestja l-ħila sħiħa fl-ilsien Malti.

It-tfassil tal-karta ntgħamel skont is-Sillabu (2015) minn speċalisti tal-Malti. Wara t-tfassil mis-setters u ċ-*chairman* daħal ir-reviżur sabiex tiġi assigurata l-kwalità tal-eżami u jinżamm il-livell meħtieġ. L-eżaminaturi kollha (jiġifieri, iċ-*chairman,* is-setters, ir-reviżur, u l-markers), maħtura mill-Bord tal-Matsec, huma ġejjin minn oqsma differenti tal-edukazzjoni u kollha huma għalliema stabbiliti tal-Malti. Wara li sar is-setting tal-karta kollha, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Lingwi tal-Matsec eżaminat bir-reqqa l-karta fid-dawl tas-sillabu tal-2015.

F'dan ir-rapport hemm xi kummenti repetuti minn taqsima għal oħra. Din ir-repetizzjoni tħalliet sabiex il-markers juru kemm il-kumment ikun japplika għall-partijiet kollha tal-karta, u fl-istess ħin il-qarrej jintebaħ li l-istess kumment ikunu għamluh diversi markers.

Il-qarrej jista' jsib ukoll li xi kummenti f'dan ir-rapport ikunu dehru f'rapporti ta' snin oħra. Dan qed nagħmluh sabiex nemfasizzaw il-fatt li l-markers qed isibu l-istess karatteristiċi minn sena għal oħra. Jiġifieri, dan ir-rapport iżomm f'moħħu r-rapporti ta' snin ta' qabel. L-iskop ta' dawn ir-rapporti (inkluż dan) huwa li jiftaħ għajnejn l-għalliema u jservi ta' gwida għall-istudenti li jridu jġibu grad tajjeb fil-Malti f'dan il-livell.

## Statistika tar-riżultat

Iċ-ċifri ta' hawn taħt juru d-distribuzzjoni tal-gradi għal Mejju 2015, u wieħed jista' jqabbilhom ma' dawk ta' xi snin ta' qabel billi jirreferi għar-rapporti tal-eżaminaturi tal-Malti fil-Livell taċ-ĊES ippubblikati fis-snin li għaddew.

| Grad | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | U | ABS | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **PAPER A** | 101 | 402 | 533 | 726 | 356 | | | 180 | 16 | 2314 |
| **PAPER B** | | | | 294 | 378 | 293 | 144 | 636 | 92 | 1837 |
| **Numru ta' Kandidati** | 101 | 402 | 533 | 1020 | 734 | 293 | 144 | 816 | 108 | 4151 |
| **% tat-TOTAL** | 2.43 | 9.68 | 12.84 | 24.57 | 17.68 | 7.06 | 3.47 | 19.66 | 2.60 | 100 |

## L-Ewwel Karta

L-istudju tal-lingwa materna f'dan il-livell għandu jwassal lill-istudenti biex iħaddmu l-Malti b'mod indipendenti u proficjenti. Ħakma tajba tfisser li jifhmu u jikkomunikaw b'mod produttiv u effiċjenti, u japprezzaw sfumaturi differenti ta' tifsir, u b'dawn il-ħiliet jaslu jiktbu kulma jkollhom bżonn fis-soċjetà adulta: komponimenti immaġinattivi, artikli ta' tagħrif b'arranġament ta' dettall, taqsiriet li jisiltu l-essenzjal ta' xi silta twila, deskrizzjonijiet preċiżi, rapporti meqjusa, ittri u *emails* formali b'messaġġi, u kull kitba kontinwa li jeħtieġu fid-dinja tal-lum. L-għarfien tal-grammatika jgħin f'dan il-proċess kollu biex l-istudenti jkollhom livell akkademiku xieraq fil-kitbiet kollha tagħhom.

### L-Ewwel Karta – L-Oral

L-Oral tal-Malti fil-livell taċ-ĊES jeżamina l-ħiliet tal-Malti fl-istat ta' produzzjoni, fl-istat riċettiv, u fl-istat interattiv. Jiġifieri, il-kandidati riedu (wara ftit minuti ta' preparazzjoni) jaqraw b'vuċi għolja silta mhux letterarja ta' madwar 80 kelma, jisimgħu silta oħra ta' 100 kelma (moqrija mill-eżaminatur) u jwieġbu xi mistoqsijiet tax-xejra *multiple choice* fuqha, imbagħad jidħlu f'żewġ diskussjonijiet fuq tema kurrenti u oħra kulturali mal-eżaminatur. Dan ifisser li l-kandidati riedu jitkellmu l-ħin kollu matul l-eżami tal-oral.

Fil-biċċa l-kbira tagħhom il-kandidati marru tajjeb ħafna u kisbu marki xierqa. Kien hemm, però, min għal għaxar minuti, kwarta ma kienx kapaċi jitkellem mingħajr ma jdaħħal l-Ingliż. Dan il-kumment intgħamel fi snin oħra wkoll. Hawnhekk qed nagħmluha ċara li fl-oral, il-kandidati jridu juru li huma għandhom ħila għal ftit minuti jitkellmu bil-Malti biss mingħajr l-għajnuna ta' xi lingwa oħra.

### L-Ewwel Karta – Il-Kitba – Taqsima 1 – Komponiment

#### *Is-suġġetti tal-komponimenti*

Il-kandidati ngħataw erba' suġġetti biex jagħżlu wieħed u jiktbu 350 kelma fuqu.
Xi kandidati m'għandhomx ħila jagħrfu x-xejra tal-komponiment, u titlu bħal "Il-Flus" żviluppawh f'esej narrattiv. F'każijiet bħal dawn il-kandidati jitqiesu li jkunu ħarġu 'l barra mis-suġġett u jitilfu ħafna marki. Tajjeb li fl-istudju tagħhom l-istudenti tal-Malti jitkissru ftit fuq l-erba' xejriet ewlenin tal-esej. Jista' jkun li jkun hemm xi titlu li jista' jiġi interpretat b'aktar minn xejra waħda.

#### *Kummenti ġenerali fuq il-komponimenti*

Għalkemm kien hemm għadd ta' kandidati li taw xogħol b'ideat tajbin, maturi, u li jsegwu, kif ukoll b'Malti tajjeb (fejn jidħlu stil, sintassi, grammatika, u ortografija) dawn kienu ftit imqabbla mal-bqija. Tant hu hekk li l-markers innutaw, b'mod ġenerali, li s-sengħa tal-kitba tal-esej kienet batuta, għax sabu użu tal-Malti batut, faqar ta' ideat, u nuqqas xieraq ta' rbit ta' ideat.

Ħafna kienu dawk li għażlu t-tieni titlu u l-biċċa l-kbira minnhom għamluh esej narrattiv. Imma dawn ma wrewx li għandhom xi immaġinazzjoni għanja għax ħlief djar bil-fatati ma ssemmewx f'dawn il-komponimenti. Barra minn hekk, bosta minn dawk li għażlu t-tielet titlu sempliċiment qabdu u tefgħu s-sentenza muftieħ fil-bidu tal-esej, imbagħad intilfu fi ġrajja li ma tantx torbot mat-titlu. Fuq dan is-suġġett tal-esej narrattiv, il-markers jaħsbu li hawn impressjoni popolari li komponiment narrattiv huwa ħafif u li għalhekk ma tantx isir taħriġ fix-xejriet l-oħra. Għaldaqstant irridu ngħidu li esej narrattiv irid jinkludi nisġa ta' ġrajjiet irranġati fiż-żmien u jagħti kas x'jaħsbu u xi jħossu l-karattri ewlenin li jieħdu sehem f'dawk il-ġrajjiet – il-kelma "nisġa" timplika li l-qofol ta' rakkont tajjeb huwa l-organizzazzjoni (bidu, nofs, u tmiem). Ħafna drabi dawk li qraw il-markers kienu bla ppjanar ta' xejn.

Kien hemm għadd mhux ħażin ta' kandidati li għażlu l-ewwel titlu. Dan ried jieħu bixra ta' probabilità: eż. "Mingħajr il-kompjuter ħajti x'aktarx tkun aktar kwieta għax ħadd ma joqgħod idejjaqni bl-*emails* u bil-*Facebook*" – sentenza maħluqa għal dan ir-rapport. Hawn ukoll wieħed jara kemm il-kandidati għad iridu jitgħallmu dwar kif għandhom jixtarru t-titlu ħalli jżommu mas-suġġett. Il-parti l-kbira tal-kandidati li għażlu dan it-titlu raw il-kelma "kompjuter" u ffukaw fuqha, u kitbu esej dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-kompjuter; kien hemm ukoll min minflok ma kiteb fl-ewwel persuna singular, kiteb kif jintlaqtu ż-żgħażagħ u l-bnedmin mingħajr il-kompjuter. Il-markers innutaw li minħabba f'hekk, il-kandidati tilfu l-marki.

Flimkien ma' dan jispikka faqar fl-ilsien Malti fejn jidħlu espressjonijiet, stil, sintassi, grammatika, u ortografija. Xogħol li mhux mistenni wara li l-kandidati, fil-biċċa l-kbira tagħhom, kienu esposti u mgħallma s-suġġett għal sitt snin fil-livell primarju u ħames snin fil-livell sekondarju, ħdax-il sena b'kollox. Saħansitra kien hemm kandidati li taw xogħol qasir ħafna, uħud inqas minn mija u ħamsin kelma. Kien hemm ukoll uħud li jidher li nsew li qegħdin jagħmlu eżami fil-Malti Standard u ma għamlux distinzjoni bejn il-miktub u l-mitkellem tant li kitbu kliem, frażijiet, u sentenzi b'djalett u saħansitra b'influwenza mill-Ingliż. F'ħafna komponimenti l-punteġġjatura wkoll dehret batuta.

Dwar it-tul tal-esej, kien hemm xi kandidati li kitbu inqas minn 200 kelma u ħafna oħrajn li kitbu bejn 250 u 300 kelma. Kien hemm xi wħud ukoll li l-komponiment tagħhom kien magħmul minn paragrafu wieħed biss. Barra minn hekk, kien hemm komponimenti b'repetizzjoni ta' ideat u/jew b'ħafna tidwir mal-lewża, speċjalment lejn l-aħħar, qisu biex jgħaqqdu n-numru ta' kliem. Kien hemm xi waħdiet li ma kitbux l-komponiment kollu; jista' jkun li ma laħqux, allura dan ifisser li ma qassmux il-ħin tal-eżami tajjeb. U kien hemm oħrajn li qabżu l-limitu, tant li laħqu anki l-500 kelma.

Xi wħud, ftit ħasbu dwar is-suġġett qabel kitbu u ntrabtu mal-ewwel idea li ġiet f'moħħhom. Konsegwenza ta' dan, batew ukoll fir-rabta bejn idea u oħra. Dan juri nuqqas ta' ppjanar u organizzazzjoni sew tal-ideat. Ħafna jaqbdu u jiktbu bla ma jagħtu kas is-sekwenza u r-rabta bejn paragrafu u ieħor. Dan ma joħloqx kitba mexxejja. It-tqassim tal-ideat fil-paragrafi deher addoċċ. Xi kandidati kitbu paragrafi b'ħafna ideat li setgħu jiġu żviluppati iżjed f'aktar minn paragrafu wieħed. Inħass ukoll żbilanċ bejn it-tul ta' paragrafu u ieħor. L-introduzzjoni u l-konklużjoni ta' xi kandidati kienu xotti u neqsin mill-oriġinalità li għandha tqanqal interess fil-qarrej.

Għadd mhux ħażin ta' komponimenti, bilkemm setgħu jinqraw u wieħed ried jaqrahom u jerġa' jaqrahom kemm-il darba biex jipprova jifhem xi nkiteb. Dan ukoll juri faqar ta' espressjoni bil-Malti. Il-markers kollha jaqblu li ħafna studenti ma jaqrawx u li l-effetti teknoloġiċi qegħdin jinħassu l-iktar f'dan it-tip ta' taħriġ.

Kien hemm min kiteb il-komponiment sħiħ bil-lapes u ma laħaqx ikkupjah bil-bajrow. Dan ifisser nuqqas ta' maniġġjar xieraq tal-ħin tal-eżami.

### *Kummenti partikulari fuq il-komponimenti*

Meta niflu l-ideat tal-esejs, insibu bosta ħsibijiet u opinjonijiet differenti. Ħa nagħtu xi ftit minnhom, skont kif intbagħtu minn markers differenti. Se ninkludu wkoll lista ta' ideat f'kull esej sabiex nuru l-varjetà ta' ideat li wieħed jista' jiżviluppa. Il-kandidati, fil-maġġoranza tagħhom, urew il-kreattività tagħhom u dan huwa fattur ta' min jinkoraġġih. Imma fl-istess waqt jeħtieġ li l-kandidati jintwerew kif iħaddmu l-lingwa għall-aħjar effetti. U dan qed ngħiduh għax kien hemm bosta materjal li ma jagħmilx sens kif se nuru fit-taqsima ta' wara fuq l-użu tal-lingwa.

**L-ewwel titlu.** B'mod ġenerali nistgħu ngħidu li kull min kiteb fuq dan is-suġġett qabel li ma jistax jimmaġina ħajtu mingħajr din it-teknoloġija tant importanti. Ħafna tkellmu fuq l-importanza tat-teknoloġija fil-ġurnata tal-lum meta mqabbla ma' ta' dari. Xi wħud qalu li jafu kemm hu importanti l-kompjuter f'ħajjithom għaliex jiffrankalhom ħafna ħin speċjalment meta jkollhom bżonn jagħmlu xi riċerka. Hu importanti wkoll għall-komunikazzjoni ma' sħabhom u ma' nies li jiġu minnhom li joqogħdu barra minn Malta. Ħafna huma konxji wkoll mill-fatt illi kieku ma kienx jeżisti l-kompjuter, ħajjithom kienet tkun aħjar

rigward is-saħħa. Issemmew il-problemi tal-għajnejn, tad-dahar, il-ħxuna minħabba l-fatt li toqgħod ħafna bilqiegħda, in-nuqqas ta' eżerċizzju, u n-nuqqas ta' soċjalizzazzjoni.

Jiġifieri, issemmew diversi punti, kemm pożittivi u kemm negattivi, dwar kif tkun ħajjithom mingħajr l-użu tal-kompjuter. Fost l-ideat li nsibu f'ħajja bla kompjuter naqraw dawn: il-ħajja tiġi apprezzata aktar, il-ħin liberu jiżdied u b'hekk ikollhom iċ-ċans jinvolvu ruħhom f'għadd ta' għaqdiet, jagħmlu ħbieb vera li jistgħu jaraw b'għajnejhom, il-librerija tkun mimlija nies jagħmlu r-riċerka, il-komunikazzjoni tagħhom man-nies titjieb, tiżdied l-istima tagħhom infushom, ikollhom aktar soċjalizzazzjoni mhux virtwali mal-ħbieb, aktar ħin mal-kotba, jistgħu jieħdu aktar sehem f'attivitajiet sportivi, u jitgħallmu kif jistennew fil-ħajja ta' kuljum u mhux iridu kollox dak il-ħin. U fost l-ideat li nsibu f'ħajja bil-kompjuter naqraw li ma jitħalltux fiżikament ma' sħabhom u jqattgħu bosta ħin mal-iskrin.

F'dan l-esej, il-kandidati ħarġu l-emozzjonijiet tagħhom dwar dan it-titlu, fejn ħafna sostnew li għalkemm fil-bidu tkun ħajja iebsa mingħajr l-użu tal-kompjuter, maż-żmien kollox jindara u għalhekk jgħixu ħajja aħjar. Madankollu, kien hemm emozzjonijiet aktar ħarxa, bl-użu ta' vokabularju bħal: *kieku nħossni se niġġennen* jew *kieku tkun qtilt parti minni* jew *ma nkunx naf x'se naqbad nagħmel.*

Minkejja li ssemmew dawn il-punti, kien hemm min ma fehemx sewwa t-titlu u kiteb x'kienu jagħmlu n-nies tal-antik mingħajr kompjuter (iqasqsu l-istampi mill-gazzetti jew rivisti jew ifittxu f'kotba jew jibagħtu ittri lil sħabhom). Xi wħud kitbu x'jagħmlu s-soltu bil-kompjuter, filwaqt li kien hemm min beda l-komponiment b'narrazzjoni.

Kien hemm kandidati li kitbu xogħol tajjeb b'ideat maturi li jindikaw li għarfu liema kienu l-kliem muftieħ fit-titlu (Kompjuter, ħajti, mingħajru). Madankollu kienu bosta dawk il-kandidati li jew ma għarfux dan il-kliem muftieħ jew fil-proċess tal-kitba nsewh.

Dawk li fehmu t-titlu sew kitbu li ħajjithom tkun vojta mingħajr il-kompjuter għaliex sa miċ-ċokon dejjem kienu esposti għal din ir-realtà. Minħabba f'hekk saħansitra kitbu li ħajjithom tkun mingħajr sens, avolja konxji li n-nanniet tagħhom xorta għexu sew u kienu hienja mingħajr il-kompjuter f'ħajjithom għax ma kinux jafu x'inhu. Iżda għalkemm qalu dan, jagħrfu b'ċertu għaqal li l-kompjuter ħadilhom ħafna ħin minn ħajjithom tant li minħabba f'hekk naqas il-ħin tagħhom li jistgħu jagħtu (i) għall-komunikazzjoni attiva mal-ġenituri, (ii) għal soċjalizzazzjoni effettiva wiċċ imb wiċċ mal-ħbieb, u (ii) biex jagħmlu xi tip ta' eżerċizzji fiżiċi barra mid-dar bħal xi mixja. Kienu maturi biżżejjed li jgħidu li avolja l-kompjuter huwa parti integrali minn ħajjithom, l-użu tal-kompjuter għal ħafna ħin kapaċi jwassal għal bosta kundizzjonijiet bħalma huma nuqqas fil-vista u obeżità.

Dawk il-kandidati li tbiegħdu mit-titlu fl-ideat, minflok ma spjegaw kif tkun ħajjithom mingħajr kompjuter, kitbu dwar (i) kif tkun ħajjet in-nies mingħajr il-kompjuter, (ii) kif tkun is-soċjetà mingħajr il-kompjuter, u (iii) l-iżvantaġġi u l-vantaġġi tal-kompjuter, u nsew għal kollox il-kliem muftieħ fit-titlu "ħajti" u "mingħajru". Kien hemm saħansitra kandidati li ntilfu jispjegaw diversi tipi ta' kompjuters u t-teknika tagħhom, ċerti siti soċjali bħalma huma *Facebook* u *Twitter*, il-vantaġġi tal-i*Skype*, u jagħtu deskrizzjoni dettaljata dwar xi logħob kompjuterizzat.

**It-tieni titlu.** Kien hemm żewġ modi ta' kif iddiljaw ma' dan it-titlu. Wieħed minnhom kien li l-kandidati kitbu fuq il-gost li jmorru fid-dar tan-nanna għax hu l-post fejn huma milqugħin ħafna u fejn tinħass l-għaqda tal-familja. Kienu esejs tajbin ħafna li wrew deskrizzjoni tajba u valuri sbieħ. Il-mod l-ieħor kien li fid-dar tan-nanna jiskopru xi kantina jew passaġġ jew taraġ sigriet u li ġieli jidhru persuni li kienu joqogħdu f'din id-dar. In-nannu kien fost dawk li s-soltu jidhru u jibqa' jħares lin-nanna. Mhux dejjem kien hemm deskrizzjoni tad-dar tan-nanna. Biss in-nanna dejjem kienet iċ-ċentru li dejjem issajjar u jkollha riħa tfuħ ta' ikel speċjalment ta' brodu. L-isbaħ kumment li deher kien li d-dar mhix mibnija bil-ġebel biss imma bl-imħabba kbira tan-nanna.

Dan kien l-aktar titlu magħżul mill-kandidati, wisq probabbli minħabba l-fatt (kif xehdu ħafna kandidati) li peress li l-ġenituri jaħdmu, kellhom iqattgħu żgħorithom għand in-nanniet. Għadd ta' kandidati taw deskrizzjonijiet interessanti tad-dar, kemm mil-lat estern, kif ukoll mil-lat intern. Ma naqsux milli jiffukaw

fuq is-sensi tal-ħars, tax-xamm, u tas-smigħ. Fost dawn id-deskrizzjonijiet issemmew: pitturi, sodda matrimonjali bid-drapp nieżel mis-saqaf sat-testiera, gradenza b'disinn interzjat, tvalja bis-salib tat-tmien ponot, xwabel ta' żmien it-tieni gwerra dinjija, kantina misterjuża bit-trab, għanqbut, kaxex tal-kartun, riħa ta' qsim il-qalb, u riħa ta' ħelu. Saħansitra kien hemm oħrajn li temmew l-esej b'nostalġija u dispjaċir għall-fatt li d-dar tan-nanna m'għadhiex hemm: *Ħasra li llum, meta ngħaddi mit-triq li xi darba kont nafha bl-amment, m'għadnix nara d-dar tan-nanna, iżda minflokha blokka appartamenti*. Ħafna kienu dawk li semmew il-qawl *Tan-nanna ħelu manna* meta rreferew għall-ikel bnin li dejjem toffrilhom in-nanna.

Għalkemm dan it-titlu kellu skop deskrittiv, kien hemm min dawru għal wieħed narrattiv, fejn irrakkonta xi avventura li seħħet fid-dar tan-nanna (fejn l-immaġinazzjoni ta' ħafna mill-kandidati wasslet biss sar-rakkont ta' *Alice in Wonderland*, sal-istorja ta' Trevor Żahra, *Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta,* jew sat-teledramm *Ċaqqufa*). Oħrajn kitbu dwar jum tipiku fid-dar tan-nanna (jieklu, jinżlu jaraw il-fniek, jgħinu lin-nanna ssajjar u jaraw it-televixin), filwaqt li oħrajn iffukaw biss fuq il-karattru tan-nanna. Kien hemm min 'nanna' fit-titlu qraha bhala 'nannu'.

Bosta kienu dawk il-kandidati li ddeskrivew fid-dettall id-dar tan-nanna u liema huma dawk il-kmamar l-aktar li huma għal qalbhom u għaliex. Kien hemm ukoll uħud li flimkien ma' dan kollu spjegaw għaliex id-dar tan-nanna għandha post importanti f'ħajjithom. Dawn il-kandidati indikaw ħila kbira fid-deskrizzjoni. Barra minn hekk, kien hemm kandidati li fid-deskrizzjoni tagħhom żvolġew ukoll deskrizzjoni ta' avventura li għamlu jew sabu fid-dar tan-nanna li ħafna drabi ħadet xejra misterjuża. Kien hemm ukoll xi kandidati li ntilfu fl-avventura u tbiegħdu kompletament mit-titlu.

**It-tielet titlu.** Il-maġġoranza ta' dawk li għażlu dan it-titlu użaw it-teknika tal-flexbek. Bdew b'dan it-titlu u reġgħu lura fl-istorja sakemm reġgħu lura għall-bidu tal-komponiment. Kienu varji l-kawżi tad-diżastru – f'ħafna minnhom issemmiet il-gwerra – u kienu interessanti ħafna biex taqrahom. Uħud semmew li kien hemm terremot, ħafna minnhom esaġerati wisq bl-art tinfetaħ u tibla' nofs ir-raħal u huma ma jiġrilhom xejn. Kien hemm numru żgħir li għalkemm bdew bis-sentenza li ngħatat fit-titlu kif kien mitlub li jagħmlu, telqu għal kollox minnha u qatt ma reġgħu rreferew għaliha imma rrakkontaw storja li ma kellha xejn x'taqsam ma' dan il-bidu. Esej li kien interessanti ħafna kien wieħed fejn il-kandidat ħa l-vuċi ta' kelb li bil-mod tiegħu pprova javża lil sidu għax ħass li kienet se tiġri xi ħaġa kbira. Fil-bidu nsibuh jistenna fuq il-borġ ġebel lis-sidien tiegħu mejta fit-terremot. Jirrakkonta l-istorja kollha u fl-aħħar insiru nafu li kien kelb. Kien rakkont tajjeb ħafna.

Minkejja li bla dubju dan kien titlu narrattiv, kienu ftit il-kandidati li għażluh. Dawk li għażlu dan it-titlu bdew bis-sentenza tat-titlu u rrakkontaw stejjer varji, fosthom: jum tipiku mit-tieni gwerra dinjija, attakk terroristiku, splużjoni f'kamra tan-nar, u jum tipiku fl-Assedju l-Kbir. Oħrajn kienu aktar avventurużi u ppreżentaw rakkont bħal meta l-kandidat għamilha taparsi ta' qattiel li qed jirrakkonta lill-imħallef fil-qorti xi ħsara wettaq biex ipattiha lil min qatillu lill-ġenituri tiegħu, jew ieħor li kien parti minn kru ta' ġbid ta' film fejn kellhom jiġbdu parti ta' twaqqigħ ta' ġebel. Kien hemm kitbiet kreattivi u mhux tas-soltu bħal ngħidu aħna kitba ambjentata mhux f'Malta imma f'pajjiż imbiegħed fejn seħħ terrimot; kitba oħra ttrattat il-protagonist li kellu jqatta' numru ta' jiem maqful f'bir.

Minkejja dan, kien hemm min tilef il-marki għax lanqas biss beda bis-sentenza tat-titlu, filwaqt li kien hemm min, minkejja li beda b'din is-sentenza, fl-ebda mument ma semma l-borġ ġebel. Hija ħasra li kien hemm kandidati li minn dak li kitbu deher li ma kinux jafu t-tifsira tas-sentenza speċjalment tal-kliem "borġ ġebel".

Bosta kandidati taw rakkonti sbieħ u interessanti ħafna fejn irrakkontaw x'ġara biex ir-riżultat finali kellu jkun dak fejn ma kien għad fadal xejn ħlief borġ ġebel u skiet li taqtgħu b'sikkina. Bosta minn dawn ir-rakkonti ffukaw fuq l-effetti u l-kawżi ta' terrimot, gwerer, splużjonijiet ta' kmamar tan-nar, u ajruplani li ħabtu ma' binjiet twal (it-traġedja tat-*Twin Towers*). Sfortunatament kien hemm xi kandidati li ma bdewx bis-sentenza mogħtija fit-titlu u daħħluha fin-nofs jew fl-aħħar tar-rakkont. Kien hemm ukoll min lanqas biss ta kasha u ma semmieha qatt fir-rakkont.

**Ir-raba' titlu**. Il-maġġoranza ta' min għażel dan is-suġġett beda jew spiċċa bil-proverbji popolari: *bla flus la tgħannaq u lanqas tbus* u *bil-flus tagħmel triq fil-baħar*. Ħafna kienu dawk li għamlu lista tal-vantaġġi li jkollu wieħed li għandu l-flus, u kważi kollha qalu li mhux billi jkollok il-flus għax l-importanti huwa li jkollok is-saħħa u li din ma tistax tixtriha bil-flus. Issemmew ħafna l-modi kif tista' tagħmel użu tajjeb bil-flus billi tgħin lill-oħrajn speċjalment fil-ġabriet li jsiru kull sena. Issemmew ukoll l-użi ħżiena tal-flus li jinkludu l-logħob, l-użura, u d-drogi. Kien hemm ħafna sinċerità f'min għażel dan is-suġġett għax kitbu li ma tistax tgħid li l-flus ma jagħmlukx kuntent u komdu. Kien hemm uħud li rrimarkaw li għalkemm il-flus huma importanti ħafna, fil-ħajja hemm ħafna affarijiet li huma mingħajr flus bħall-ħbiberija u l-imħabba li huma importanti wkoll. Ħafna mill-esejs intemmu bi ħsibijiet bħal dawn: *il-flus la qatt xtraw rispett u lanqas ferħ u mħabba; ikollok miljun ewro l-bank u jkollok ewro l-bank, xorta waħda se tmur fl-istess post fl-aħħar ta' ħajtek, ġo kaxxa tal-injam taħt l-art, ikel għad-dud;* u *wieħed irid ikun kapaċi jżomm kontroll f'kemm jaħdem, jonfoq, u kif jonfoq*.

Punti interessanti oħra kienu dawn: kif fl-assenza tal-flus, fl-imgħoddi, kienu jużaw is-sistema tat-tpartit; kif jonfqu l-flus nies ta' etajiet differenti; kif jinkisbu l-flus (paga, lotterija, jew wirt); kif min għandu ħafna flus, ġieli jagħmilhom l-alla tiegħu; kif min ma jkollux flus jista' jsir kriminal biex jakkwista l-flus; kif kultant nagħtu wisq importanza lill-flus, tant li nitilfu l-valuri tal-ħajja (familja u reliġjon); kif xi nies lesti jiddejnu, basta jidhru daqs jew aħjar minn oħrajn; kif pajjiż li jkollu ħafna flus ikollu ekonomija tajba li twassal għal aktar flus f'idejn il-poplu; kif il-ġenituri qed jaħdmu żżejjed biex jaraw lil uliedhom kuntenti iżda xorta waħda ma jkunux qed jikkuntentawhom għax it-tfal iridu ħin mal-familja; kif il-pajjiżi jonfqu flushom fl-armamenti tal-gwerra; kif għal xi wħud ix-xiri huwa passatemp; kif il-flus jaqilgħu l-problemi fil-familja meta l-omm u l-missier imutu u b'hekk iħallu l-wirt, l-aktar meta l-affarijiet ma jinqasmux b'mod ugwali; il-pensjoni biex tgħin lill-anzjani u ċ-*children's allowance* biex tgħin fit-trobbija tat-tfal; il-muniti differenti b'valur differenti madwar id-dinja.

Ma naqsux għadd ta' qwiel biex jikkumplimentaw dan is-suġġett:, kif diġà għedna *Bla flus, la tgħannaq u lanqas tbus, Min hu mejjet fis-sakra u min hu mejjet għal qatra,* u *Bil-flus tagħmel triq fil-baħar*. Saħansitra kien hemm min għamel referenza għall-poeżija Aqta' fjura u ibni kamra ta' Immanuel Mifsud, fejn sostna fuq kif il-bniedem qed jieħu kontroll ta' kollox bil-flus, minbarra l-mewt: *Xi kultant il-bniedem jinsa li l-aktar limitazzjoni tiegħu hija l-mewt u bil-flus ħadd ma jista' jixtri l-ħajja*.

Kultant il-kandidati ma tantx ikkonvinċew lill-qarrejja b'dak li qalu. U kien hemm każijiet meta l-kandidati ppreżentaw dan it-titlu f'forma ta' rakkont.

Il-kandidati li għażlu dan it-titlu ħarġu b'ideat varji. Il-maġġorparti kitbu dwar il-fatt li l-flus huma essenzjali fil-ħajja tal-lum iżda msieken huma dawk li jagħmluhom alla tagħhom. Abbażi ta' dan spjegaw għaliex hemm il-ħtieġa tal-flus fil-ħajja tal-bniedem u ma naqsux jindikaw il-ħtiġijiet bażiċi bħal dawk li bihom tixtri l-ikel u l-ilma biex tgħix u dar fejn toqgħod, iżda wkoll il-ħtiġijiet inqas bażiċi bħalma huma xiri ta' pinnoli minħabba xi kundizzjonijiet ta' saħħa li tkun tbati bihom, kura għal xi mard gravi u saħansitra terminali. Kitbu wkoll dwar l-użu ħażin tal-flus jew aħjar l-infiq ħażin tal-flus f'affarijiet li mhumiex tajbin għall-bniedem b'referenza għal bosta vizzji bħalma huma d-drogi, l-alkoħol, u l-logħob. Kien hemm ukoll min kiteb kemm il-flus kapaċi jiddominaw moħħ il-bniedem u minħabba li ma jarax ħlief flus jitfa' fil-ġenb lill-familja biex jaħdem aktar u jkollu aktar flus. Ħareġ ukoll l-aspett ta' diverġenzi bejn il-fqir u s-sinjur mhux biss fil-kuntest lokali iżda wkoll f'dak barrani.

Min-naħa l-oħra kien hemm min spjega l-oriġini tal-flus u kif dawn saru parti minn ħajjet il-bniedem, l-użu tal-flus bħala tpartit ma' xi affarijiet oħra, nies li jagħmlu xogħol indinjituż għall-flus, u l-ħbiberija mhux ġenwina għax tkun tibbaża fuq l-għatx għall-flus. Madankollu kien hemm xi kandidati li ntilfu jispjegaw it-tipi diversi ta' flus ta' pajjiżi barranin u kif dawn jistgħu jolqtu l-ewro. Kien hemm min għadu ma indunax li l-munita tagħna hija l-ewro u mhux aktar il-lira!

***Analiżi ħafifa tal-lingwa tal-komponimenti***

Punt interessanti huwa li kien hemm min esprima ruħu b'par sinonimi: *eżatt u preċiżament, gwaj u għawġ, tistrieħ u tirrilaksja, ċert u żgur, l-istess u ugwali, is-skiet u l-ħemda, bżonjużi u neċessarji, nivvjaġġaw u nsiefru, tqabbel u tikkompara, sabar u paċenzja.*

Xi kandidati wrew il-ħiliet letterarji tagħhom f'kitbiethom. Eżempju partikolari huwa: *Ir-ragħad beda jkarwat, qisu xi raġel muġugħ u x-xita li kienet ilha żżomm b'ħajta, ċediet u bdiet nieżla għal fuqna.* Eżempju ieħor huwa: *mill-aħħar kuruturi ta' qalbha*.

Din l-analiżi turi li xi wħud mill-kandidati ma jagħmlux distinzjoni bejn it-taħdit informali u r-reqqa tal-kitba. Niltaqgħu ma' bosta punti negattivi:

- Ikun hemm kandidati li ma jiflux it-titlu sew. Pereżempju, fl-ewwel esej il-kandidati riedu jiktbu fl-ewwel persuna singular; kien hemm min kiteb fit-tieni persuna singular; u fit-tielet esej kien hemm min ma semma xejn fuq it-tieni parti tat-titlu (i.e. "u skiet taqtgħu b'sikkina").
- Kultant tidher il-kelma *jfotti* (jew *ifottina*). Din għandha status kollokjali u għalhekk mhux postha f'eżami formali.
- Xi wħud ħawdu l-proverbji: *Bil-flus la tgħannaq u lanqas tbus; Bla flus la tongħos u l-anqas tbigħ.*
- Kultant jitfaċċaw elementi kollokjali: *tini, qas, naqa* (flok "naqra").
- Kien hemm min kiteb poeżija minflok komponiment. Naturalment, f'każijiet bhal dawn jintilfu ħafna marki, għax poeżija mhijiex komponiment (għalkemm hija kompożizzjoni).
- Xi kandidati bdew jiktbu komponiment u wara xi żewġ paragrafi qatgħu xogħolhom u għażlu titlu ieħor. Dan jaħli ħafna ħin.
- Xi wħud ma dehrux li kellhom idea ta' punteġġjatura.
- Xi kandidati nqdew bi kliem żejjed: *ġnejna żgħira* (id-diminuttiv juri li kienet żgħira), *festin żgħir* (kien ikun aħjar kieku qal *party żgħir*), *javvanza 'l quddiem* (la javvanza bilfors 'il quddiem irid imur).

Żbalji tal-grammatika kienu bosta:

- L-użu ta' plural ħażin: *ħitani, ġismijiet, sħarijiet* (fil-kuntest tal-kelma 'sħaħar'), *telliqi, bwiet* (fil-kuntest tal-plural ta' 'bejt'), *ħarsijiet, maridi, foqor* (minflok 'foqra'), *gruppijiet, garaxxi, Il-ħajja kienet isbaħ għal bosta raġuni, għandhom xogħol b'kondizzjoni ħażini ħafna.*
- L-użu ta' għadd ħażin: *Kull vaganzi, Kmamar tas-sodod.*
- L-użu ta' nom żbaljat wara n-numri: *għoxrin xwabel.*
- L-użu żbaljat tal-ġens: *Dawn il-logħob jistgħu ..., l-għodda kelli naħseb għalihom jien* (il-kollettiv użat bħala plural); *il-flus jgħinna* (il-plural isir singular maskil); *l-ebda persuna ma jista' jgħix ...*(il-maskil minflok il-femminil); *dawn it-teknoloġija* (il-plural minflok il-femminil). L-iżbalji mal-kelma "flus" kienu frekwenti: *Il-flus ġewwa pajjiżna huwa l-mezz li bih inpartu l-affarijiet; Il-flus hija xi ħaġa materjali; Il-flus ma kienx; Il-flus hu importanti; Il-flus ma jistax jagħtina; Il-flus hu neċessarju; Il-flus għandu l-valur; il-flus jagħtik; Il-flus iħassar is-soċjetà; il-flus kien; Ma nimmaġinawx dinja fejn il-flus ma jeżistix.*
- L-aġġettiv ma jaqbilx man-nom fil-każ ta' "ċertu/ċerta/ċerti": *ċertu nies, ċertu familjarità.*
- L-użu ħażin tal-verbi: *Jikkorrotti; Xi drabi nsajjar jien imma ħafna drabi tissajjar in-nanna; In-nanna tħobb tissajjar; Il-flus illum il-ġurnata ibbażaw il-ħajja tal-bniedem*.
- L-użu ta' prepożizzjoni ħażina: *Meta mmur għand id-dar tan-nanna, Din hija ta' problema.*

Nuqqas ta' qbil sintattiku (speċjalment nom u verb, nom u aġġettiv).

- *Xi nies jaħsbu li l-ħajja huwa itjeb issa għax għandna l-kompjuters*
- *Dan tkun somma ċkejkna...*
- *Kienet tgħix fi triq mimli b'dawk id-djar antiki.*
- *Xi ħaġa ġdid*
- *Drawwa ħażin*
- *Il-kura jrid ikun*
- *Gallarija miftuħ*
- *Id-dar tan-nanna huwa post speċjali.*
- *Xi nies jaħsbu li l-ħajja huwa itjeb issa għax għandna l-kompjuters*

- *Id-dar kollu*
- *Għamel progress kbira.*
- *Il-kompjuter hija waħda mill-affarijiet teknoloġiċi......*
- *gwardarobba żgħir*
- *dar huwa sabiħ*
- *siġġu antika*
- *dawn il-logħob*
- *kull ħaġa li kien hemm ġewwa d-dar kien għamlu n-nannu*
- *dan l-informazzjoni*

Żbalji lessikali.

- *Antikwat* minflok "antik".
- *Soċjabbli* minflok "soċjevoli"
- *Naqa flus* minflok "naqra"
- M'hemmx distinzjoni bejn *l-anqas* u *lanqas*.

L-iżbalji tal-ortografija għal darba oħra spikkaw bil-bosta, tant li numru sostanzjali ta' kandidati tilfu l-marki kollha allokati għall-ortografija għax kellhom aktar minn għoxrin żball ortografiku fl-esej ġenerali. Insibu bosta każijiet meta t-tikek fuq il-konsonanti Maltin kienu neqsin u meta qtugħ il-"ħ" u l-"għ" ma sarx. Ħafna mill-iżbalji huma fi kliem bażiku u li wieħed jistenna li studenti ta' 16-il sena jkunu jafuh. Xi wħud lanqas it-titlu tal-komponiment ma kkupjaw tajjeb mill-karta! L-influwenza tal-kitba tal-internet, speċjalment tal-*Facebook*, inħasset sew. Xi wħud mill-iżbalji tal-ortografija kienu dawn li ġejjin:

- Il-vokali tal-leħen żejda fl-artiklu: *morna il-Belt*
- In-nuqqas ta' użu tal-aċċent fejn meħtieġ jew li jsir fejn mhux meħtieġ: *ankè* u *pero*
- L-użu ta' "ma" fin-negattiv li tinkiteb bl-appostrofu: *ma' mortx*
- "Sigħat": *siegħat, sijgħat, sagħat*
- "Tas-Sliema": *tas-Sliema*
- *Jagħti l-martu* ("'l martu")
- Żbalji fil-pożizzjoni tal-"għ": *rebgħa* ("regħba"), *ngħamel*
- L-"għ" tidħol żejjed: *mogħod* ("mod")
- L-"għ" titħalla barra: *umbad, imbad, nista, tqatta, jati*
- L-"h" titħalla barra: *fuqa, tbiddilla*
- Tfixkil mal-artiklu: *il-fuq, il-ġewwa, kemm il-darba*
- Twaqqigħ tal-vokali tal-kelma: *nteressanti, mportanti*
- Partiċelli mhux magħqudin mal-artiklu: *ma' l-oħrajn, ta' l-istorja*
- Kien hemm min wera li ma kienx aġġornat mal-aħħar regoli: *x'ħin rajt hekk* (minflok "xħin rajt hekk"), *wara nofs inhar* (minflok "waranofsinhar") u *imn'Alla* (minflok "imnalla")
- *Al* minflok "għal/għall-"
- *Ta* minflok "ta'"
- *Min* minflok "minn"
- *Noqgħodu* minflok "noqogħdu"
- *Tijaw* minflok "tiegħu"
- *Kull tant* minflok "kultant"
- *Kemmxejn* minflok "kemxejn"
- *ekk* minflok "hekk"
- *Puluzija* minflok "pulizija"
- *Lużar* minflok "liżar"
- *Etlu* minflok "għedtlu"
- *Qadt* minflok "qgħadt"
- *Listes* minflok "l-istess"
- *Traċedja* minflok "traġedja"
- *Dinija* minflok "dinjija"
- *Tlett sulari* minflok "tliet sulari"

- *Lill-zijuhi* minflok "lil zijuwi"
- *F'saqajja x-xellugija* minflok "F'sieqi x-xellugija"
- *niefqu* minflok "nieqfu"
- *kulljum* minflok "kuljum"
- *fiż-żmien il-gwerra* minflok "fi żmien il-gwerra"
- *daqxejn* minflok "daqsxejn"
- *żagħżagħ* minflok "żgħażagħ"
- *wiċċ imb'wiċċ* minflok "wiċċ imb wiċċ"
- Eżempji oħra huma: *nhobb, televiżżjoni, kwazi, sija, xgħol, hijja, kontrol, għallura, ħajthi, siert, jistaw, għanda, zgħajra, bijhom, tejdlek, experjenza, occupazzjoni, noqod, mħux, toqgħodu, tlettin, tidejjaq, tħalas, tijaj, minflokk, alilna (*"qalilna"*), imsoma, atila (*"għedtilha"*), memx, jin* ("jien")*, mijaj; X'ħin dħalt fid-dar tan-nanna; komplejt mal-kuġini bħal li kiku ma' ġara xejn; wara nofs inhar tkun lesta; itjeb mil-mod; Il-bnedmien ta llum saru għażżenin.*

Żbalji minsuġa flimkien u espressjonijiet ħżiena:

- *...kif jgħidu 'bla flus la tannaq u l-anqas tbus', hija diffiċli li issib tfajla ekk ma jkollokx flus biex tgħajex familja, dak li jfisser il-qawl.*
- *...ax kif jgħid il-Malti 'bla flus la tagħnaq u annqas tbuss' u għalekk minajr flus diffiċli issib l-imħabba.*
- *...bil-flus tista' tamel trieq fil-baħar imma jista' jsir ukoll pont.*
- *Il-flus m'għandniex nagħmluhom balla tagħna*
- *bin-nies li għandhom flus ħafna min-nies*
- *M'hemmx post wieħed bħal id-dar tan-nanna. Ir-riħa, l-atmosfera kollox, kien speċifiku. Qisu dar sekondarju għalija.*
- *Il-flus ħoma ħafna importanti fil-hajja tagħna. Kif u koll ħoma jstaw jgħamlu ħafna ħsara.*
- *Il-flus tajba u ħażina bil flus jkon kontanti u kif ukoll mhux.*
- *Hija sabiha ħafna li jkollok relazzjoni ma nannuk u nantek għaliex l-istorji kollha li tejdlek fuq meta kont zgħajra u li kienet żgħira tibda tesprimi l-isbuħija ta' Id-dar nadifa daqs tazza ilma tkun.*
- *Il-kamera tagħhom li kien antik ħafna, u din il-kamera li ħadd daħħal fih, barra minn dawk il-ftit drabi meta xi ħadd important biex tarhom.*
- *Dejjem kienet tgħajjat għax qed ngħamlu mandra u wara toqod tnaddaf biex ma tarax mandra meta idur fuq il-lemin ta' tlett kmamar.*
- *Kullimkien fejn tara hemm flus.*
- *Allura hemm ħafna żagħżagħ li jaħdmu meta għandhom xi erbatax*
- *Mhux biss jagħmilek ferħan imma kif ukoll miżerja.*
- *Id-dar tan-nanna hu kbir ħafna*
- *hemm min jibqa' fuq il-kompjuter min x'ħin jara x-xemx sa x'ħin il-qamar jerġa jibda jiddi*
- *il-kompjuter hija post*
- *mingħajr il-kompjuter inkunu nistaw nagħmlu zjed xogħol bl-idejn, noħorġu iżjed, nitkellmu b'wiċċ quddiem wiċċ u tagħmel iżjed memorji sbieħ*
- *reħgħet telqet għajni bijha*
- *dak inhar kelli murr għand nanna*
- *imorru noqogħdu nejnu lin-nanna sa kemm tlesti likel al kullħadd*
- *Il-flus huwa mportanti...*
- *affarijiet elettroniku moderna*
- *Kulħadd saru jafu kollox fuq sħabhom billi jirreċerkawhom fuq Facebook.*
- *In-nanna kient tejdilna storijiet qabel norqdu*

L-influwenza fuq il-Malti. Dawn il-komponimenti jagħtu stampa tal-qagħda lingwistika ta' żmienna – qagħda li tixhed il-kuntatt tal-Malti mal-Ingliż u mat-Taljan.

- Dan il-kliem jidher li ndara għax bosta kandidati użawh tajjeb: *televixin, kompjuter, kanser, weekend, hobby, shortcut, part time, xelta, niċċettjaw* (to chat)*, fiżikalment, fiżikali, nisserċja* (fuq l-internet), *soft toys, BBQ, hobbies.*

- Jidher li ħafna kandidati ma joqogħdux ifittxu l-aħjar kelma u espressjoni bil-Malti, imma jaqbdu u jmorru mal-ewwel għal kliem u espressjonijiet ġejjin mit-Taljan jew mill-Ingliż (li xi wħud minnhom qed jaqbdu sew fil-lingwa ħajja ta' kuljum), jew inkella jaqbdu u joħolqu xi kliem makkaroniku. B'eżempju nsemmu dawn: *nikrea, isstressati, l-aromijiet, mezz spedjanti, lifestyle, fanatissimi, tirrivolvi, eventi, jispredja news, bowl frott, prestige bedspread, l-isola, jinvita, washing machine, ħwienet vasti, ħsibijiet biżarri, tittravilja, partabbli, privizija, taraġ spiralliku, allegra, inspejabbli, jittrasporta, tiffaċilizza, povertà, kunċern, owner, klikkja moħħna, ninvithom, kkavrat* (għal "covered")*, trappolat, jistuffjawhom, imperdonabbli, portabbli, bla ħesil.* Xi kandidati qalbu verbi mill-Ingliż jew mit-Taljan għall-Malti, meta bil-Malti għandna verbi għalihom. L-influwenza tat-Taljan tidher ukoll mill-ispelling: *studjus, azjoni, svantaġġ.*
- Insibu kliem li ntuża ħażin: *ħosbital, kurrenzija, disvantaġġi, polluzjoni, eskludi, nipplanjaw, espeċjalment, protettat, jadmiraw.* Ma' dawn inżidu l-użu komuni tal-kelma *relattivi* minflok "qraba".
- U nsibu eżempji li minflokhom seta' ntuża kliem Malti: *infanzija, mani, friends, isola, trappolati, basement, device, pollution, limit, helmets, shields, fit, minimum wage, probably, delivery, credit card number, movie, essential, complex, entertainment group, garden, Vieni Street.* Dawn x'aktarx li ma kinux jafu l-kliem Malti kif jidher minn dawn is-siltiet: *hemm ħafna 'dust' fuqhom, post fejn advertażaw, spejjeż bhal bills, normalment il-bankijiet għandhom l-aħjar rates.* Jiġifieri, xi kandidati kitbu kliem bl-Ingliż għax ma kinux jafuh bil-Malti: *it-tfal tal-lum saru addicted; siġġu li hu adjustable; jista' jilgħab ħafna games; id-dejn jistgħa lil persuna mdejna jwaqqaw f'depression għaliex jekk ma' jkollux biex iħallas mant min ikun ssellef ħa jibda jinfurzah biex iħalsu għax dawk flusu; jieħdu over.*
- Insibu wkoll eżempji ta' kalki mill-Ingliż. Kien hemm ħafna komponimenti li fihom l-espressjoni tal-ħsieb kienet ġejja mill-Ingliż. *Dan jagħmilna nfittxu; Id-diżastru rranka* (was ranked) *wieħed mill-aqwa li qatt kien hemm; Il-post jinsab taħt kostruzzjoni; Ommi sabet il-kuraġġ u morna nnaddfu flimkien id-dar tan-nanna; Wara li għamilna ċert li ħadd ma kien weġġa'; L-ambulanzi u l-pumpieri għamlu triqithom għall- ....; In-nanna kienet tgħix fi Sliema; fuq l-id l-oħra; l-ebda bniedem huwa gżira.*
- Insibu wkoll kultant xi każ ta' *code-switching* bħal dan: *il-flus hi importanti imma mux daqs il-familja u l-ħbieb imma dan il-persuna shouldn't take it for granted.*

**L-Ewwel Karta – Il-Kitba – Taqsima 2 – A. Fehim it-Test**

B'mod ġenerali, il-kandidati marru tajjeb ħafna f'din it-taqsima u l-parti l-kbira minnhom ġabru ħafna mit-tnax-il marka allokati għall-fehim it-test. Is-silta kienet informattiva, interessanti, mexxejja, u ċara biżżejjed. It-tul tagħha kien raġonevoli, kienet maqsuma f'paragrafi żgħar, u r-rispons kien aktarx wieħed pożittiv min-naħa tal-kandidati. Il-mistoqsijiet kienu ċari u diretti u jsegwu minn paragrafu għal ieħor. Minkejja dan, kien hemm min ta informazzjoni żejda għax ikkopja sentenzi twal bħala tweġiba biex ikun ċert li jwieġeb tajjeb. Dan juri nuqqas ta' kunfidenza jew prattika f'dan l-eżerċizzju.

L-espressjoni fit-tweġibiet ta' ħafna minnhom kienet pjuttost batuta iżda ladarba l-kandidati wrew li kienu jafu t-tweġiba, ingħataw il-marki kollha għaliha minħabba li l-marka f'dan it-taħriġ ingħatat abbażi tal-komprensjoni u mhux tal-espressjoni. L-aktar mistoqsija li dehret li ħawdet lill-kandidati kienet l-aħħar waħda. Bosta kienu dawk li ma għarfux jisiltu l-veru messaġġ tas-silta. F'mistoqsija numru 4 wkoll ħafna kandidati tilfu nofs il-marki minħabba li wieġbu biss parti mill-mistoqsija, jiġifieri qalu li l-pjanti jipprovdulna l-ossiġnu iżda ma komplewx jgħidu li l-pjanti jsaffu l-arja minn gassijiet li m'għandniex bżonnhom.

Il-kandidati kellhom jidentifikaw il-parti korretta li tikkorrispondi mal-mistoqsija. Id-difett ta' ħafna kandidati kien li bdew jikkupjaw fit-tul. Bdew iħossu li l-kontenut kien relevanti għall-mistoqsija u ma għarfux fejn għandhom jieqfu. Kien hemm kandidati li tgerfxu u taw it-tweġiba ta' mistoqsija f'mistoqsija oħra bil-konsegwenza li rrepetew l-istess tweġiba fil-mistoqsija ta' wara. Il-kandidati ma rrealizzawx li kienu qed jiżbaljaw meta rrepetew ruħhom f'żewġ mistoqsijiet.

- Fl-ewwel mistoqsija, l-għażla multipla twieġbet tajjeb mill-maġġoranza tal-kandidati. Għalkemm din kienet kemxejn ħafifa, xi wħud ma weġbuhiex u ħallewha barra.

- It-tieni mistoqsija wkoll. Ħafna semmew il-ħxejjex slavaġ.
- It-tielet mistoqsija wkoll twieġbet tajjeb mill-maġġoranza. Madankollu kien hemm uħud li semmew il-funzjoni tal-ossiġnu, informazzjoni li kellha tiġi abbinata mal-mistoqsija ta' wara.
- Ir-raba' mistoqsija ħarġet b'mod ċar id-diversità fil-mod kif bniedem jipperċepixxi biċċa kitba li jkun qara. Kien hemm min wieġeb tajjeb skont is-silta u kiteb li l-imsaġar jagħtu l-ossiġnu li għandna bżonn għall-enerġija tagħna u fl-istess ħin jassorbu d-dijossidu tal-karbonju, gass li aħna l-bnedmin m'għandniex bżonnu. Imbagħad kien hemm min dawwar is-sekwenza. Jekk is-sens kien jinftiehem naturalment it-tweġiba tqieset tajba.
- Il-ħames mistoqsija wriet kemm il-maġġoranza tal-kandidati ma ppruvawx jiktbu tweġiba fi kliemhom b'mod li tagħmel sens imma sempliċiment ikkupjaw, bil-konsegwenza li semmew li l-Gżejjer Maltin qed iħallu effett negattiv minħabba l-qerda ta' bosta foresti u aħna foresti m'għandniex. Li kieku qagħdu attenti, u kien hemm min qagħad attent imma kienu l-ftit, kienu jirrealizzaw li l-ikkupjar mhux dejjem hu tajjeb.
- Ħafna mill-kandidati wieġbu tajjeb l-aħħar mistoqsija. Ħafna semmew l-idea tal-edukazzjoni dwar il-flora u l-fawna u l-apprezzament lejn il-wirt naturali. Kien hemm min għamel sforz u qiegħed fi kliemu l-idea tal-apprezzament billi kiteb li rridu nieħdu ħsieb in-natura. Imma kien hemm min ta t-tweġiba minn moħħu u mhux minn dak li qara fis-silta.

Kien hemm xi kandidati li taw it-tweġiba li suppost ingħatat għal numru 4, f'numru 3.

1. Ħafna mill-kandidati taw tweġiba tajba. Dawk li m'għamluhiex tajba, fil-maġġoranza kitbu li l-(b) jew d-(d) kienet it-tajba. Kien hemm xi wħud li ma għamluhiex – jista' jkun li mmarkaw it-tweġiba t-tajba fuq il-karta tal-eżami peress li kellhom jagħżlu t-tajba mit-tweġibiet.

2. Ħafna studenti ġabu din it-tweġiba tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu dawk li qalu li qed: *jirreferu għall-ħaxix naturali; jirreferu għall-ħaxix li jikber fl-għalqa tagħhom; jirreferu għall-flora li jikbru mal-prodotti fl-għelieqi tagħhom*.

3. Ħafna kandidati ġabu din it-tweġiba tajba.

4. Minbarra li kien hemm numru ta' kandidati li ġabu t-tweġiba tajba, kien hemm ukoll numru mdaqqas li taw nofs it-tweġiba, jiġifieri qalu biss li jagħtuna l-ossiġnu. Ftit oħrajn kitbu biss li jiġbdu l-arja ħażina.

5. Ħafna mill-kandidati taw nofs tweġiba għaliex taw raġuni waħda biss; kitbu biss dwar it-tniġġis tal-arja u ma semmewx il-qerda tal-veġetazzjoni jew inkella viċe-versa.

6. F'din it-tweġiba ħafna kandidati kitbu li għandna nitgħallmu dwar il-flora u l-fawna però ħallew barra l-parti li rridu wkoll napprezzaw aktar il-wirt naturali.

### B. Għarfien il-Lingwa

F'dan it-taħriġ ukoll ħafna kandidati ġabru ħafna mill-marki. Madanakollu, fl-ewwel mistoqsija kienu ħafna dawk li ma kinux kapaċi jagħtu kelma oħra għan-nom *ħlejjaq*. Xi wħud minflok ma taw kelma oħra, taw it-tifsira tal-kelma. Fit-tieni mistoqsija, il-parti l-kbira tal-kandidati sabu s-silta korretta li tfisser "annimali li jieklu ħaxix ħażin" iżda t-tieni parti tal-mistoqsija jidher li kienet xi ftit aktar problematika għax ħafna ma weġbuhiex b'mod korrett. Xi wħud ukoll taw nofs tweġiba, jiġifieri kien hemm min kiteb biss *effetti* jew inkella *globali* minflok *effetti globali* kif kellu jwieġeb. Xi wħud, biex bħal donnhom jolqtu żgur it-tweġiba t-tajba spiċċaw kitbu paragrafu sħiħ minflok sempliċiment kelma jew frażi. Il-mistoqsija numru 3, fejn kellhom isibu s-sentenza minn paragrafu 6, ħafna kandidati rnexxielhom ukoll iweġbuha b'mod korrett.

Il-kandidati li jistudjaw ix-xjenza wrew biċ-ċar l-għarfien tagħhom għax f'din il-biċċa taw kliem xjentifiku bħal *bijodiversità*, *organiżmi,* u *speċi*. Uħud żbaljaw għax minflok kelma waħda taw frażi. Fit-tieni biċċa fejn kellhom isibu l-frażi mis-silta li tikkorrispondi mal-frażi mogħtija, ħafna ġabuha tajba iżda l-

maġġoranza kitbu biss *veġitarjani* meta kellhom jiktbu "annimali veġitarjani". It-tweġiba tat-tielet mistoqsija kienet identifikata tajjeb mill-maġġoranza tal-kandidati.

Bosta kandidati għamlu ħafna żbalji ortografiċi f'din it-taqsima wkoll.

1. l-imsaġar: Min ġabha ħażina kien għaliex:
   - jew taw kelma li tfisser l-istess però kienet fis-singular (eżempju: *bosk, foresta*)
   - jew inkella taw kelma li għandha x'taqsam imma ma tfissirx eżattament l-istess bħall-kelma tal-karta (eżempju: *siġar, għelieqi, ħxejjex, pjanti, ġonna, kampanja*)
   - jew taw kelma li mhijiex tajba (eżempju: *boski*)
   - jew taw aktar minn kelma waħda avolja fil-karta tal-eżami jitolbok tagħti "kelma oħra" u qiegħda ċara għaliex hi miktuba b'tipa skura (eżempju: *post mimli siġar, ħafna siġar*).

   jipprovdulna: Il-maġġoranża tal-kandidati ġabu din it-tweġiba tajba.
   - Tweġiba ħażina kienet: *joħolqulna*
   - Kien hemm ukoll min il-verb m'għamlux fil-persuna t-tajba jew injora s-suffiss pronominali, pereżempju: *jissuplixxi, jagħtina, jagħmlu.*

   jikkumbinawh:
   - Xi tweġibiet ħżiena kienu: *jaqduh, jassorbuh, ibiddluh, ilaqqawh, iżewwquh.*
   - Kien hemm ukoll min tfixkel fis-suffiss pronominali, pereżempju: *jagħaqdu, iħalltuhom, jqablu.*

   ħlejjaq: Ħafna mill-kandidati ma ġabux din it-tweġiba tajba.
   - Xi tweġibiet ħżiena kienu: *natura, annimali, ħxejjex, vegetazzjoni, ħajjin.*
   - Kien hemm ukoll min ta aktar minn kelma waħda avolja fil-karta tal-eżami jitolbok tagħti "kelma oħra" u qiegħda ċara għaliex hi miktuba b'tipa skura (pereżempju: *flora u fawna, affarijiet ħajjin, affarijiet li huma ħolqien, xi ħaġa li għandha ħajja, ħajjin u qed jgħixu*).

2. a) annimali li jieklu ħaxix biss:
   - Ħafna mill-kandidati taw biss il-kelma *erbivori* jew inkella l-kelma *veġitarjani* minflok il-frażi "annimali erbivori/veġitarjani". Skont il-mistoqsija tal-karta tal-eżami, il-kandidati kellhom jagħtu frażi u mhux kelma waħda.
   - Kien hemm waħdiet li taw it-tweġiba *erbivori u veġitarjani*.

   b) impatt fuq id-dinja kollha: Ħafna kandidati ġabu din it-tweġiba tajba.
   - Xi wħud kitbu l-kelma *globali* biss minflok il-frażi "effetti globali".
   - Tweġiba ħażina kienet *jaħsad dak li jkun żera'.*

3. Il-maġġoranza tal-kandidati ġabu din it-tweġiba tajba.
   - Ħafna kitbu s-sentenza kollha eżatt minn taħriġ il-fehem, jiġifieri *Ftit ftit il-bniedem qed jeqred id-dinja b'rata aktar mgħaġġla milli n-natura tista' tirkupra u fl-aħħar mill-aħħar il-bniedem se jaħsad dak li jkun żera,* minflok *il-bniedem se jaħsad dak li jkun żera'* biss.
   - Xi tweġibiet ħżiena kienu:
     *L-erbivori qed imutu bil-ġuħ.*
     *Il-bniedem qed jakkumula ħafna prodotti ta' tniġġis tal-atmosfera li ġa qed naraw l-effetti globali tagħhom u bosta affarijiet li qabel kienu fertili issa saru deżerti u l-abitanti qed imutu bil-ġuħ.*

**L-Ewwel Karta – Il-Kitba – Taqsima 3 – Il-Grammatika**

Din it-taqsima jidher li kienet għadma iebsa għall-maġġoranza tal-kandidati. Kważi ħadd ma rnexxielu jġib it-tweġibiet kollha tajbin, anzi kien hemm numru mdaqqas ta' kandidati li ġabu l-mistoqsijiet kollha ħżiena jew inkella ġabu waħda jew tnejn biss tajbin minn 14-il mistoqsija. Bħala medja, anqas minn terz tal-

kandidati rnexxielhom iġibu aktar minn nofs il-mistoqsijiet tajbin. L-iżbalji kienu ta' kull tip u jirriflettu n-nuqqas ta' għarfien li għandhom il-kandidati tal-grammatika tant li l-parti l-kbira minnhom ma jafux x'inhu nom mimmat, aġġettiv fis-superlattiv, parteċipju passiv, jew inkella stat kostrutt. Kienu ħafna li ħalltu n-nom *għożża* man-nom *għażż* u għaldaqstant meta ġew biex joħorġu aġġettiv minn *għożża* kitbu *għażżien* jew *għażżiena*. Meta ġew biex jagħtu nom mimmat, ħafna kitbu *maħsubin* jew *mfissrin* sempliċiment għax dan il-kliem jibda bil-konsonanti "m" u ma tawx kas jekk humiex nomi jew le. Ħafna wkoll ma kellhomx idea ta' x'inhu verb trux u spiċċaw kitbu tweġibiet bħal *għożża*. Huwa minnu li dan in-nom huwa mnissel minn verb trux iżda l-kandidati kellhom jagħtu verb mis-silta u mhux nom u għaldaqstant it-tweġiba korretta kellha tkun "jinżammu". B'mod ġenerali, l-aktar żewġ mistoqsijiet li twieġbu b'mod tajjeb kienu n-numru 1 fejn kellhom jagħtu l-plural ta' ħsieb, u t-tieni mistoqsija fejn il-kandidati ntalbu jagħtu verb tilitteru sħiħ mis-silta. Però, irridu ngħidu li anki hawn kien hawn numru konsiderevoli ta' tweġibiet żbaljati. Imma xi wħud kellhom għarfien tajjeb tal-kunċetti grammatikali. Reġgħu saru ħafna żbalji tal-ortografija, kif juru l-eżempji ta' hawn isfel:

| | |
|---|---|
| 1. | "ħsibijiet" – ġeneralment mitkuba tajba, però f'ċerti każijiet xi kandidati kitbu *ħsiebijiet, Hsibijiet, maħsubin, ħsibiet,* jew *ħsiebijit.* |
| 2. | Ħafna mill-kandidati ġabu din it-tweġiba tajba. Xi kandidati taw nom minflok verb. Xi tweġibiet ħżiena kienu: *maħsubin, ġabra, jinsiex,* u *sewwasew.* |
| 3. | Bosta kandidati taw tweġiba tajba. Xi kandidati taw parteċipju passiv flok nom mimmat. Xi tweġibiet ħżiena kienu: *bniedem, mfissrin, maħzen, rispett, maħsubin, ktieb, b'għozza,* u *dak.* |
| 4. | Ħafna mill-kandidati ħasbu t-tweġiba t-tajba però kellhom żball tal-ortografija. Xi eżempji ta' ortografija ħażina kienu: *jibqaw, jibqù, jibgħqu, jibqu,* u *jibqgħaw.* Xi tweġibiet ħżiena kienu: *baqa', baqgħu, u jibqa.* |
| 5. | Kien hemm bilanċ bejn in-numru ta' kandidati li ġabu din it-tweġiba tajba u dawk li ġabuha ħażina. Xi tweġibiet ħżiena kienu: *għarfiena, tgħarif, għorfien, intelliġenza, għerfien, għorif, għefien, għeruf, għorfa,* u *fehma.* Interessanti li kien hemm min ta *għorriefa* bħala plural ta' "għorrief". |
| 6. | Ġeneralment tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: *aqwa, l-itjeb, tajjeb, bil-għaqal, apprezzament, żmien ilu,* u *il-ktieb.* |
| 7. | Ġeneralment tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: *l-aqwa invenzjoni, bil-għaqal, il-ktieb huwa maħżen ta' għerf, b'ideat, snin ta' studju u ħsieb, invenzjoni tal-bniedem, ħoloq il-ktieb,* u *maħżen ta' għerf.* |
| 8. | Ġeneralment tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: *sewwasew, mfissrin, jinżammu, jaf, jinzammu, ktieb,* u *jinqraw.* Ħafna kandidati taw *studju* bħala verb tat-tmien forma. Għax raw il-konsonanti "t" wara s-"s" assumew li huwa verb tat-tmien forma, meta lanqas biss huwa verb. |
| 9. | Il-maġġoranza tal-kandidati ġabu din it-tweġiba tajba. F'ċerti każijiet, però, kienet miktuba ħażin (*jirispetta*). Xi tweġibiet ħżiena kienu: *rispettament, rispettivament, irrispetat, irrispetata, rispettat,* u *responsabbilita.* |
| 10. | Xi wħud tgerfxu fit-tnissil ta' aġġettiv minn "għożża". Xi tweġibiet ħżiena kienu: *għażżien, għożżut, għazzara, għożja, għozza, mgħożż, għeżżież, għożż, għożżijiet, għożżiment, għeżżeż, għażżież,* u *għużża.* Fl-istess ħin, ħafna wrew li ma jafux jiktbu tajjeb "għeżież". |
| 11. | Ħafna mill-kandidati għamlu z-zokk morfemiku *studj* minflok "stud". Xi tweġibiet ħżiena oħra kienu: *studja, sudj, studjuż, studjus, studjuzi, stu, udj,* u *stdj* (din tal-aħħar turi interferenza intralingwali għax il-kandidat ħawwad iz-zokk mal-għerq Semitiku). |
| 12. | Bosta kandidati taw eżempju ta' xi nom bħala tweġiba tagħhom. Ħafna ġabu din it-tweġiba ħażina għaliex għamlu l-għerq *n-s-għ* jew *n-s-x* – f'din tal-aħħar ħadu l-konsonanti tan-negattiv bħala konsonanti tal-għerq. Xi tweġibiet ħżiena oħra kienu: *j-n-s, n-s-għx, nesa, j-n-s-x,* u *n-s-w.* |
| 13. | Ġeneralment tajba. Xi tweġibiet ħżiena kienu: *jinqraw, li, jinżammu, tajjeb, għalhekk, jibqa', ħoloq, jiġbor, għożża,* u *jinsiex.* |
| 14. | Bosta kandidati wrew li ma jafux x'inhu verb trux. Xi tweġibiet ħżiena kienu: *għożża, apprezzament, kull, jaf, għozza, b'apprezzament, jiġbor, jinqraw, għandu, rispett,* u *dar.* Dawk li taw *għożża* x'aktarx li taw din il-kelma għax raw id-doppja "ż". |

Uħud minn dawn l-iżbalji juru kemm xi kandidati kienu neqsin mill-grammatika formali.

**L-Ewwel Karta – Il-Kitba – Taqsima 4 – Ir-Rapport**

Minn statistika ħafifa li saret irriżulta li l-ewwel rapport kien aktar popolari mal-kandidati għax intgħażel aktar. Barra minn hekk, xi wħud ma ntebħux li l-Għaqda Nħarsu l-Annimali hija għaqda li taħdem favur id-drittijiet tal-annimali u ħasbu li din l-għaqda għandha razzett u qed taħqar l-annimali. Jidher li kien hemm min tfixkel fit-tqassim tal-paragrafi. Irridu nżommu f'moħħna li rapport huwa taħriġ ta' kitba fit-tul (ta' 80 kelma) u għaldaqstant irid josserva l-konvenzjoni tal-esej li jekk ikun hemm xift (i.e. bidla żgħira) minn idea għal oħra, irid ikun hemm paragrafu differenti biex juri dan ix-xift.

F'din it-taqsima ħafna kandidati ma marrux tajjeb. Jidher ċar li fejn tidħol il-kitba kreattiva u l-ħila tal-kandidati biex ifissru ruħhom b'Malti idjomatiku qed isibuha diffiċli ħafna. Ħafna kandidati jbatu biex jibnu sentenza sempliċi sintattikament korretta u iktar u iktar biex jiktbu Malti kontinwu mexxej. Il-parti l-kbira tal-kandidati ma jafux x'inhuma l-ingredjenti li jsawru rapport tajjeb. Kienu ħafna li fil-kitba tagħhom qalu li qed jiktbu *ittra* minkejja li suppost kellhom jiktbu rapport. Ħafna oħrajn lanqas biss kitbu t-titlu tar-rapport minkejja li fil-mistoqsija kellhom indikat b'mod ċar biex jagħmlu hekk. Ħafna injoraw ukoll il-fatt li kellhom isemmu l-fatti u d-dettalji u tkellmu b'mod ġenerali wisq. Dawn in-nuqqasijiet dehru fiż-żewġ mistoqsijiet, jiġifieri kemm f'dawk li kellhom jiktbu rapport dwar attività mwettqa mill-kunsill lokali kif ukoll f'dawk li kellhom jiktbu dwar ir-razzett tal-annimali. Kienu ħafna li minflok irrappurtaw l-attività li wettaq il-kunsill tkellmu dwar attività li l-kunsill kien għadu qed jippjana li jagħmel u għaldaqstant, minflok kitbu rapport, kitbu avviż jew reklam ta' attività li kienet għadha trid issir. Fil-każ tat-tieni mistoqsija ħafna kandidati, minflok irrappurtaw dwar dak li tassew jaraw minn fuq il-bejt ta' darhom, u minflok iddeskrivew il-qagħda fqira li fiha kienu qed jinżammu l-annimali, spiċċaw jissuġġerixxu jew jordnaw lill-Għaqda Nħarsu l-Annimali x'għandha tagħmel. Ħafna lanqas biss semmew fejn jinsab dan ir-razzett. L-espressjoni ta' ħafna kandidati hija batuta, kif jixhdu dawn l-eżempji li huma mnaqqijin mill-iżbalji ortografiċi li nkitbu bihom biex tal-anqas ikunu jistgħu jinqraw:

- *ir-razzett jinsab ta' abbandun*
- *qed nikteb rapport li joqgħod viċin tiegħi*
- *Din l-attività kienet tapplika għal bejn l-età ta' 10 snin sa 19-il sena*
- *Din l-attività kienet spesifikata fuq frawli*
- *Ħafna kantanti taw il-parteċipazzjoni tagħhom*
- *kien hemm diskursata minn barrani li jistudja fil-frott*
- *iż-żmien kien varjabbli bejn l-età ta' sentejn*
- *il-fundazzjoni* (minflok il-fondi) *kienu marru għall-għaqdiet missjunarji*
- *din l-attività li ħadet post fil-pjazza fis-sebgħa ta' filgħaxija*
- *L-ammont tad-donazzjonijiet imtela għal ħamest elef ewro*
- *kien hemm kull età ta' żgħażagħ*
- *il-ġimgħa għaddiet qisha radd ta' salib*
- *Nixtieq li dan ir-rapport jiġi attivat*
- *Din l-attività ħejjiet ruħha bl-għan li jinġabru l-flus għal Puttinu Cares*
- *In-nies li huma sehem minn dan ir-razzett mhumiex qed jagħtu indafa xierqa lejn l-annimali*
- *L-annimali qed jiġu msawtin mix-xejn*
- *qed jinżamm il-ħabs sakemm tiġi ġġudikata s-sentenza*
- *m'ilux mitulu tnejn mejtin bil-ġuħ*

Il-maġġoranza taw titlu lir-rapport. L-isfortuna ta' wħud kienet li minflok rapport kitbu avviż, appell, jew riklam. Dan l-iżball sar fl-ewwel mistoqsija fejn kellhom jirrappurtaw l-attività li saret mill-kunsill lokali. Min-naħa l-oħra żball ieħor kien li r-rapport ta' xi wħud deher jixbah l-istil tal-ittra. Dan sar l-iktar fil-kitba tar-rapport lill-Għaqda Nħarsu l-Annimali. Fir-rapport tal-attività spikka kemm iż-żgħażagħ huma konxji tal-ħidma tal-kunsilli lokali. Ħafna minnhom semmew attivitajiet li verament isiru fil-Ħdud f'diversi rħula u bliet Maltin, pereżempju *Festa Frawli* u *Festa Ravjul*. Uħud ħallew dettalji importanti barra bħad-data jew il-post fejn saret l-attività. Ma kienx biżżejjed li jsemmu *Ħal Muxi* (isem ir-raħal) għax ladarba r-rapport kien

se jidher fil-magażin tal-kunsill lokali ta' Ħal Muxi, il-qarrejja li wisq probabbli huma minn Ħal Muxi stess, riedu jaqraw fejn seħħet, bħall-pjazza jew wara l-knisja. Ġew innutati ċerti espressjonijiet li qed jittieħdu mill-mezzi tax-xandir u li ma tantx jinstemgħu tajjeb, pereżempju *l-attività kienet ta' suċċess* – minflok "l-attività kienet suċċess". Kultant dehru xi termini bl-Ingliż bħal *face painting, bouncing castles,* u *airport*. Min-naħa l-oħra fir-rapport dwar il-kundizzjonijiet ħżiena tal-annimali fir-razzett li setgħu jaraw minn fuq il-bejt, kien hemm min nesa jispeċifika minn fejn qed jara din is-sitwazzjoni. Barra minn hekk, ħafna taw dettalji li fil-verità żgur li ma setgħux jarawhom minn fuq il-bejt, ngħidu aħna żgur li ma setgħux ikunu jafu l-kundizzjoni fuq in-naħa ta' ġewwa tar-razzett.

Xi kandidati użaw format ħażin għall-attività tal-kunsill lokali. Kien hemm min kiteb l-indirizz u uża l-format ta' ittra. Ħafna mill-kandidati ma kitbux il-post fejn saret l-attività, u lanqas ma kitbu d-data u t-titlu. Xi attivitajiet li ssemmew kienu: attività sportiva, maratona, wirja, attività b'risq il-karità/festa, festa tat-tadam/tal-frawli, ġurnata ħdejn il-baħar/Għawdex, attività ta' qligħ għall-*Community Chest Fund* jew għal *Puttinu Cares*, tifkira ta' xi ħadd li miet u kien għamel ħafna għar-raħal u kixfu statwa għalih. Ħafna kandidati kitbu l-kelma "attività" mingħajr l-aċċent, avolja kienet fit-titlu. Il-maġġoranza tal-kandidati kitbu li l-attività saret fil-lokal tagħhom stess. Kienu ftit li kitbu dwar xi ħarġa li organizza l-kunsill u li għalhekk l-attività ma saritx fir-raħal tagħhom. Xi wħud ukoll kitbu li huma ħadu sehem attiv f'din l-attività li saret jew inkella li huma kienu wkoll preżenti għaliha. Ukoll il-maġġoranza kitbu li din l-attività saret f'ġurnata waħda. Ftit kienu dawk li qassmu l-attività fuq numru ta' ġranet.

Mill-banda l-oħra, dawk li għażlu t-tieni titlu (fuq il-moħqrija tal-annimali ġo razzett) semmew dawn il-moħqrijiet: annimali ġol-ġaġeġ, annimali ġox-xemx u x-xita, nuqqas ta' spazju, nuqqas ta' ikel u xorb, u swat fuq l-annimali.

Il-maġġoranza tal-kandidati taw titlu lir-rapport tagħhom għalkemm kien hemm ukoll xi wħud li ma tawhx (dawn tal-aħħar kienu ftit). Ġeneralment taw titlu qasir kif inhu xieraq għal rapport. Ħafna mill-kandidati ma kitbux isem ta' min qed jirrapporta. Fir-rapport dan l-isem irid ikun fittizju u miktub l-aħjar taħt it-titlu imma li jingħaraf li mhuwiex parti mit-titlu. Titlu mhux xieraq kien dak li uża l-istruttura "Jirrapporta XXX għall-magażin *Flimkien*."

Ta' min ifakkar ukoll li fejn l-isem tar-raħal jew belt ikollu l-artiklu jew il-prepożizzjoni, dawn iridu jitniżżlu inkella l-isem jitqies żball: "il-Fgura", "iż-Żejtun", "Tas-Sliema", "Ta' Xbiex". Insibu wkoll inkonsistenza fil-kapitalizzazzjoni tal-ewwel ittri: *Il-Ħadd li għadda 3 ta' Mejju l-Kunsill lokali tal-Furjana; Il-magiżin ta' Raħal il-kbir*; *il-grupp kommiku ta' 'Klassi għalina'; qed nirraporta lilkhom Għaqda Nħarsu l-annimali.* Mill-banda l-oħra, il-kelma *triq* u l-ismijiet tat-toroq kien hemm min ħalliehom b'ittri żgħar: *Fit-triq ir-re; Skond kif jidher min fuq il-bejt tiegħi min triq Hompesh; triq is-Sofor; Dan ir-razzett jinsab iz-zejtun triq il-fawwara; nista' nosserva sewwa r-razzett li jinsab fi triq il-weraq ġewwa ż-żurrieq.*

Kien hemm ukoll xi wħud li użaw il-verb fil-futur għal din il-kitba, meta l-attività suppost li diġà saret. Inkella fil-kitba l-ewwel bdew billi rrakkontaw li saret u f'nofs il-kitba qalbu li kienet qed issir dak il-ħin. Kien hemm ukoll min għamel format ħażin għaliex għamel ir-rapport fil-forma ta' taħdita fejn is-sindku kien qed jitkellem dwar l-attività. Ngħidu aħna, fin-nofs tal-kitba li kienet qed tittratta l-attività nsibu xi ħaġa hekk: *Mela għeżież ħuti, iktbulna biex nagħmlu aktar attivitajiet ... u ftakru, aktar kemm tgħidulna b'attivitajiet...*; jew insibu xi ħaġa bħal din: *Bonġu, nixtieq ninfurmakhom li Ħaż-Żebbuq, triq is-Sofor hemm razzett...* Rapport ieħor li għalkemm kellu format tajjeb kien barra mis-suġġett għaliex l-attività kellha tkun soċjali u mhux ħidma ta' manutenzjoni: *il-kunsill waħħal l-għarbli tad-dawl fit-toroq*. Kien hemm min temm ir-rapport bi *Grazzi mill-quddiem, Ċensina;* jew min avża li l-attività għad trid issir u żied *jekk tridu tkunu tafu meta l-attivitajiet ser ikunu...*

Il-kandidati jridu joqogħdu attenti għad-dettalji li jinkludu: (rigward festa ta' kotba bid-data tar-rapport 9 ta' Mejju 2015) *Kittieba bħal Ninu Cremona attendew ukoll u ffirmaw xi kotba.* Barra minn hekk, kien hemm każijiet li wrew li t-titlu ma kienx adattat (*Razzett fej jitrabba ix-xitan*) jew li kien miftuħ wisq (*Attività*).

**L-Ewwel Karta – Il-Kitba – Taqsima 5 – L-Ittra**

Minn statistika ħafifa li saret irriżulta li l-*email* l-aktar li ntgħażlet.

F'din it-taqsima l-parti l-kbira tal-kandidati batew ħafna. Jidher li ħafna minnhom mhumiex imħarrġin sew fil-kitba tal-ittra, ma jaqrawx, jew inkella jsibuha bi tqila jesprimu ruħhom b'Malti mexxej. Ħafna jbatu biex jiktbu sentenza bażika u biex jesprimu ħsibijiethom b'mod ċar, loġiku, u koerenti. L-ortografija u l-grammatika ta' bosta kandidati huma dgħajfa ħafna u għaldaqstant il-parti l-kbira tal-kandidati tilfu l-marki kollha allokati għal dawn it-taqsimiet. Ħafna wkoll lanqas jafu kif għandu jkun il-format tal-ittra. Ma jafux li jridu jiktbu d-data, fejn u kif għandhom jiktbu l-indirizz u kif għandhom jiftħu jew jagħlqu l-ittra. Saħansitra kien hemm min ħallat il-format tal-ittra normali mal-format tal-ittra elettronika u spiċċa biex fl-ittra normali, minbarra li kiteb l-indirizz tiegħu u tal-kunsill lokali, reġa' kiteb l-indirizzi elettroniċi. Xi kandidati ma jafux ukoll bid-differenza bejn il-kitba ta' ittra formali, kif kellha tkun l-ittra lis-sindku (mistoqsija a), u l-kitba ta' ittra informali, kif kellha tkun l-ittra lill-ħabib/a (mistoqsija b). Għaldaqstant, kienu ħafna dawk li għalqu l-*email* (lill-ħabib/a tagħhom) bl-espressjoni "Dejjem Tiegħek" meta din aktar tixraq li tinkiteb f'ittra formali. Min-naħa l-oħra kienu ħafna li għalqu l-ittra formali lis-sindku billi kitbu sempliċiment isimhom jew inkella b'modi oħra li mhumiex korretti, bħal pereżempju:

- *Grazzi mill-quddiem*
- *Tiegħek bil-quddiem*
- *Mingħand*
- *L-Għażiż tiegħi, Julian*
- *L-Għażiż Tiegħek*
- *Tismiliet*

Xi wħud lanqas kienu jafu x'inhi d-differenza bejn is-sindku u l-kunsill lokali tant li fetħu l-ittra b'dan il-mod: *Għażiż Kunsill Lokali.*

L-iżbalji fl-espressjoni kienu bosta, kif juru dawn l-eżempji:

- *f'inqas minn xahar jagħlaq għall-applikazzjonijiet*
- *rrid nipprattika aktar ġo dan is-suġġett*
- *ħa nsiefer fuq skola*
- *xorta se nkunu ma' kuntatt bejnietna*
- *ibgħatli fl-aktar fis possibbli*
- *Se nitlaq il-Ħadd li hi jumejn oħra*

Ħafna kandidati ħassewhom komdi jiktbu l-*email* lill-ħabib/a. Naturalment għax hija aktar realistika u toqrob aktar lejn ħajjithom. Is-safar għal studju u minħabba mard huma ż-żewġ raġunijiet li spikkaw. Żball komuni kien li l-kandidati użaw kliem li mhux adattat bħal "*hey*", "*Aw*", u "*naqa*". Ħafna mill-kandidati ma qasmux il-kitba tagħhom f'paragrafi. Barra minn hekk, kien hemm min ħalla s-suġġett barra u nesa t-tislima tal-bidu. Fl-ittra lis-sindku ftit kienu l-kandidati li verament taw suġġerimenti prattiċi li jindikaw eżattament x'jista' jagħmel is-sindku. L-ilment dwar in-nuqqas ta' sinjali tat-traffiku kien jinħass aktar b'saħħtu mill-proposti li kellhom jagħtu.

Xi wħud mill-kandidati ħarġu b'ideat esaġerati bħal li se jkollhom isiefru biex joqogħdu għand xi ħadd qrib tagħhom minħabba li kien ġara xi ħaga lid-dar tagħhom.

Bosta kandidati użaw format ħażin tal-*email*. Kien hemm min ma kitibx l-indirizzi u ħawwad l-ittra mar-rapport. Oħrajn ma għamlux tislima u/jew tislija. Inkella użaw isem ieħor u mhux dak li ngħataw fil-karta tal-eżami. M'għamlux differenza bejn il-format blokk u le. Ġieli bdew blokk u wara użaw l-indenzjoni jew inkella viċe-versa. Inkella l-indirizzi u t-tislima saru fil-format blokk u mbagħad t-tislija saret fuq il-lemin tal-karta. Il-konsistenza hija l-aktar ħaġa importanti.

<u>L-Ittra Formali</u>: Fl-ittra formali kienet rikorrenti l-ortografija ħażina tal-kelma "għażiż": ħafna drabi din inkitbet *għażież* bl-'ie'. Ukoll kien hemm min qaleb l-indirizzi bil-kontra, l-ewwel uża tal-kunsill u mbagħad għamel tiegħu. F'din l-ittra kien hemm ukoll numru ta' studenti li kitbu li hemm nuqqas ta' sinjali tat-traffiku imma ma tawx id-dettalji ta' fejn u x'jista jsir jew fejn jistgħu jitwaħħlu kif talab it-taħriġ. Ħafna tkellmu fuq

tabelli neqsin – i.e. ħadu s-sinjali tat-traffiku bħala tabelli biss. Pereżempju, qalu li hemm xi tabella tal-*one way* nieqsa però ftit semmew li hemm xi *zebra crossing* nieqsa, avolja hi sinjal tat-traffiku wkoll.

L-Ittra Elettronika. L-aktar temi kurrenti għall-*email* kienu: biex jistudjaw, minħabba xi xogħol li sabu huma jew inkella xi ħadd mill-ġenituri, biex jaraw lil xi qarib jew qarib marid, biex jieħdu sehem f'xi kompetizzjoni jew kors taż-żfin jew tal-arti, minħabba mard fil-familja li kien se jġegħelhom imorru għall-kura f'pajjiż barrani, biex jistudjaw għal veterinarju, minħabba li rebħu xi borża ta' studju, biex iżuru lill-familjari – kien hemm ukoll min qal li kien se jsiefer għal xi tieġ ta' xi ħadd jiġi minnu, imma din hi kemxejn esaġerata għax għal tieġ ma ddumx ix-xhur barra minn Malta. Kien hemm min temm l-*email* ħesrem bla spjegazzjoni ta' għala kien se jkollu jitlaq. Peress li l-indirizz elettroniku kien jibda bil-"mar", il-maġġoranza tal-kandidati l-isem tal-ħabib/a għamluh jibda hekk: *Maria, Martina, Martha, Marthese, Mariah, Mario, Marcus, Marion, Marietta, Marjana, Marisa,* u *Marco*. Xi ismijiet oħra li ssemmew però ma jibdewx bil-"mar" kienu ftit, bħal pereżempju *Jodie, Darren, Jurgen, Levi, Mata, Eurnice,* u *Katy*. Xi wħud ma kitbux id-dettalji li ngħataw fil-kaxxa li hemm fil-karta tal-eżami. Oħrajn kitbu l-kunjom fit-tislija, li ma kienx hemm bżonnu għaliex hi ittra informali lil ħabib/a.

Xi wħud ma kinux kapaċi jikkupjaw l-istruttura minn fuq il-karta tal-eżami u ħafna ħallew is-suġġett barra. Barra minn hekk, kien hemm oħrajn li ma għarfux jagħżlu suġġett addattat: *Titliq minn Malta* jew *Holiday*. Minkejja li din kienet *email* informali, xi kandidati kienu wisq informali u m'għamlux distinzjoni bejn it-taħdit u l-kitba: *Hello Julia kif int? Jien ninsap orrajt. Grazzi ġbin*. Oħrajn qalbu mill-Malti għall-Ingliż: *Nixtieq l-itjeb għall-eżamijiet tiegħek - Wish me luck!* Kien hemm min għalaq l-ittra bil-kelma *Tislieba*!

Xi noti oħra li japplikaw għar-rapport u għall-ittra:

- Kandidati li ma jżommux mat-tul mitlub. Instabu kitbiet qosra li ma jagħmlux it-tmenin kelma. Xi wħud kellhom nuqqas ta' ideat u/jew l-espressjoni tal-ħsieb kienet batuta. Min-naħa l-oħra kien hemm ukoll dawk li qabżu, anki b'numru sew, it-tmenin kelma. Jidher li ma jsir ebda ppjanar qabel ma jibdew jiktbu l-verżjoni finali.
- Repetizzjoni ta' ideat fil-kitba. Dan juri ħela ta' kliem meta kellhom ikunu konċiżi. Barra minn hekk, xi drabi l-ideat ma kinux ippjanati sew, la fil-ħsieb u lanqas fis-sekwenza.
- Kien hemm bosta żbalji tal-ortografija, anke fi kliem bażiku. Rikorrenti kien l-iżball ortografiku *tlett xhur*: *offra lili u lil xi kollegi biex immorru nagħmlu tlett xhur ta' xogħol esperjenza fl-India; se jkolli mur Londra għal-tlett xhur; bejn wieħed u ieħor tlett xhur; għandna tlett xhur min tal-inqas*. Xi żbalji oħrajn fejn jidħlu n-numri: *ħdax il-elf; ħamest'ijiem; tliet'iżwiemel; erba' tiklieb.* Kultant iżidu l-vokali tal-leħen meta m'hemmx bżonnha (*inkomplu insemmu*) jew ikun hemm min ma jagħmilx differenza bejn "wara nofsinhar" u "waranofsinhar", jew bejn *x'ħin* u *xħin*. U nsibu żbalji oħra bħal *Il-bieraħ, sa' nofs il-lejl*, *qegħda*, *ma* (ma'), *tibgħatu*, *għanke*, *għallura*, *għażież*, *inatat*, *ma flaħċ*, *niħu*, *nitla*, *bxi*, *mandomx*, *mgħadiex*, *niextieq*, *ħaj kolli, setaw, addejjin, sabieħa, xharejn, għalija* (għaliha), *tejnu, stabli, probabli, kundizjoni, joqod, flaħħar*. Ħafna ħalltu l-prepożizzjoni "minn" mal-pronom "min" (rikorrenti ħafna): *nixtieq ngħid grazzi għal minn ħa sehem; Min fuq il-bejt tagħna; nies min madwar Malta; Min din l-attivita; li anke l-ħwejjeġ tan-nies qed ikunu jintnu min fuq il-bejt; il-kunsill organizza ikla għal kull minn ried imur; għal ftit xhur barra min Malta; l'universita qegħda barra min Malta.*
- Kien hemm bosta' żbalji tal-grammatika: *Il-gallinar fejn hemm it-tiġieġ għandha kundizzjoni ħażina ħafna li mil-bejt tiegħi tider li kwazi ħa tinkiser dalwaqt; infettħet għal-ħabta; leħqet għall-elf ewro; jirringrazzja għal-ko-operazzjoni; għall-Kunsill biex jkun jistgħu jsebbħu...; il-kunsill lokali organizzaw bejgħ tal-kejkijiet*; *L-ewwel ħaġa li għandi nsemmi hija l-grazzja kbira tiegħi għal progress kollha li qegħdin sseħħ fit-triq tiegħi; Għandi xi ħaġa li qed tinkunserni ħafna għax aċċident kbir jista' jiġri*.
- Insibu ħafna traskuraġni fl-użu tal-punteġġatura: (a) *Ftit taż-żmien ijlu tlajt fuq il-bejt tad-dar u rajt ir-razzett li dejjem nara, iżda din id-darba rajt ħafna annimali marbutin ħażin klieb jiġġieldu bejniethom, Baqar mingħar ilma u ħafna annimali li qedin jiġu trattati ħażin.* (b) *Għaddejt mill-eżami ta' Oxford, ġejt fl-ewwel 100 u ghalhekk iriduni nitla londra biex inkompli il-kors tiegħi hemm ovvjament dan għal ftit xhur propjament ħames xhur min Ġunju sa Ottubru.*

**It-Tieni Karta**

L-istudju tal-letteratura jġib lill-istudenti wiċċ imb wiċċ mal-lingwa fl-aktar forom varjati u kumplessi tagħha. F'dawn il-kumplessitajiet jiġu ppreżentati l-ħsibijiet, l-esperjenzi, u s-sentimenti ta' nies li jeżistu 'l hemm mill-ambjent ta' kuljum tal-istudenti. U għax l-istudenti joqorbu lejn dan iċ-ċirku ta' għarfien ikunu f'qagħda biex jirriflettu fuq tiġrib uman li jkun possibbli imma li huma qatt ma ltaqgħu miegħu. Jitgħallmu jempatizzaw u għall-iskop ta' dan l-eżami jeħtieġ jitgħallmu jfissru ruħhom b'lingwa xierqa. Jiġifieri, jekk jaslu jifhmu l-kumplessitajiet tal-lingwa u jaslu jfissru rwieħhom b'mod xieraq dak kollu li jifhmu, ikunu qegħdin juru ħakma proficjenti tal-Malti.

### It-Tieni Karta A – Referenza għall-Kuntest (Il-Poeżija)

Kien hemm xi kandidati li wieġbu ż-żewġ referenzi għall-kuntest. Sar l-immarkar tal-ewwel waħda, u l-ħin użat biex titwieġeb it-tieni referenza ssarraf f'ħin moħli min-naħa tal-kandidat. B'mod ġenerali ngħidu li l-kandidati kienu midħla taż-żewġ poeżiji għax ma jidhirx li kien hemm xi waħda li ntgħażlet aktar mill-oħra. Imma xi markers ikkummentaw li dawk li għażlu li jwieġbu fuq <u>Refuġjata</u> marru aħjar mill-oħrajn. Kien hemm min tilef xi marki minħabba l-iżbalji grammatikali. (In-numri tal-paragrafi ta' hawn taħt jirreferu għan-numri tal-mistoqsijiet tal-karta tal-eżami.)

*<u>Refuġjata</u>*

1. Kien hemm bosta studenti li wieġbu tajjeb. Madankollu xi wħud mill-istudenti għażlu li jirrakkontaw fi kliemhom is-silta mingħajr ma jagħmlu referenza diretta għall-kuntrast. Il-mistoqsija kienet ċara ħafna u kien nuqqas tal-kandidati li qagħdu jduru mal-lewża u jirrakkuntaw il-ġrajja tal-poeżija fi kliemhom. Xi tweġibiet li ma kinux aċċettati: *qiegħda timmaġina u tittama li ser terġa' tara lill-maħbub tagħha u għandha ħafna memorji f'rasha; joħroġ kuntrast tar-refuġjata mal-ħajja tal-lum fejn naraw lir-refuġjati jitilfu l-familja.* X'aktarx li kien hemm min ma jafx x'inhu kuntrast.

2. Il-maġġoranza tal-kandidati wieġbu tajjeb għal din il-mistoqsija. Kien hemm xi wħud li minflok ikkwotaw it-tliet kelmiet "interrogatorji", "torturi", u "massakri", ikkwotaw il-vers kollu "jieqfu l-interrogatorji", "jieqfu t-torturi", u "l-massakri tal-għasafar". Il-mistoqsija kienet ċara li l-kandidati riedu jisiltu tliet kelmiet u mhux sentenzi u frażijiet.

3. F'din il-mistoqsija fuq il-metrika mħaddma mill-poeta kien hemm numru konsiderevoli li wieġbu *vers ħieles,* imma kien hemm numru sostanzjali li kitbu *vers irregolari*. Xi ftit oħrajn kitbu tweġibiet li ma kinux relatati mal-metrika tal-poeżija: *vers imdejjaq*, *vers imħarbat*, *vers imqabbeż,* u *vers imħallat*. Xi kandidati bdew juru li jafu x'inhu t-tip tal-vers imma meta ġew biex jorbtu l-għamla tal-vers mat-tema sabuha diffiċli. Kien hemm xi wħud li ma fehmux li din kienet mistoqsija dwar il-metrika u minflok għażlu vers mis-silta u taw l-interpretazzjoni tagħhom: *Il-vers "ward il-ħall" qiegħed jibni fuqu l-poeta; F'din l-antiteżi naraw li l-"ward" qed jirrappreżenta t-tama għall-futur aħjar; Il-"ħall" qed juri t-tbatija fiżika kif ukoll psikoloġika li għaddejja minnha l-mara refuġjata.* Ftit kienu dawk li wieġbu tajjeb għat-tieni parti ta' din il-mistoqsija. Fost it-tweġibiet kien hemm li l-effett tal-vers ħieles kien *iġġiegħlek tħoss il-biża' li qed tħoss din il-mara.* Kien hemm min spjegah hekk: *hija mimlija niket allura jintuża l-vers ħieles peress li hija poeżija tas-swied il-qalb.* Xi wħud mill-kandidati tfixklu f'din il-mistoqsija x'aktarx minħabba li ma kinux midħla tal-mod kif tpoġġiet il-mistoqsija. Minħabba li tfixklu f'mistoqsija 3(a), spiċċaw biex ġabu wkoll mistoqsija 3(b) ħażina.

4. F'din il-mistoqsija bosta kandidati wieġbu nofs il-mistoqsija għax kitbu li l-mara temmen li fil-futur għad ikun hemm il-paċi, imma ma semmew xejn li kienet temmen ukoll li għad iridu jmutu ħafna nies biex din il-paċi tinkiseb. Xi wħud sabu din il-mistoqsija waħda mill-aktar diffiċli għax ma bdewx jorbtuha mal-kumplament tal-poeżija. Ħafna drabi bdew jagħtu taqsira tal-biċċa li ngħatat. Il-maġġoranza tal-kandidati ma rreferewx għall-aħħar strofa ta' din il-poeżija iżda minflok

ibbażaw it-tweġiba tagħhom fuq is-silta mogħtija jew il-bidu tal-poeżija: *Tispjegalna kif spiċċalha l-ilma u 'ward il-ħall' jurina li minħabba t-tbatija kollha li għaddiet minnha, hemm in-nuqqas tal-femminilita; Il-mara tat-tined terġa' tmur tgħix ħajjitha mas-Samih ġo darha.* Xi kandidati ġabu din il-mistoqsija ħażina x'aktarx minħabba l-fatt li ma qrawx bir-reqqa l-mistoqsija u injoraw (jew ma tawx importanza) il-frażi "fil-kumplament tal-poeżija". Ħafna mill-kandidati rrispondew li l-mara tat-tined *toħlom żerriegħa*, vers li jinsab fis-silta tal-poeżija mogħtija fil-karta tal-eżami u mhux fil-kumplament tal-poeżija. Oħrajn il-mistoqsija rabtuha biss mas-sens ta' tama fil-mara mingħajr ma wrew kemm għad iridu jmutu nies biex il-ħolma tagħha ssir realtà.

5. Kien hemm min ta tweġiba valida. Iżda ħafna drabi l-kandidati identifikaw il-figura tat-taħdit imma ma kinux kapaċi jaslu biex jitkellmu dwar l-effett. Donnu li l-importanza qed tieqaf biss li tinstab il-figura tat-taħdit. Xi kandidati fissru ruħhom permezz ta' kliem Ingliż f'uħud mit-tweġibiet tagħhom: *jieħu forgranted.* Kien hemm xi kandidati li ma kinux jafu xi tfisser il-kelma "eklissati" allura ma setgħux ifissru l-effett ta' "dlam" minkejja li kitbu li l-mara tħossha dejjem imdejqa – dan juri li l-istudju tagħhom ma kienx xieraq. Mill-banda l-oħra, kien hemm dawk li ma kinux jafu x'jiġri f'eklissi u kitbu li f'eklissi jkun hemm id-dawl; jiġifieri l-kelma "eklissati" fehmuha bil-maqlub – flok is-sens ta' dalma, fissruha bħala s-sens ta' tama u b'hekk huma fissru li l-jiem tal-mara tat-tined huma jiem mimlijin tama.

<u>*Jum San Valentin*</u>

1. Il-biċċa l-kbira tal-kandidati rrispondew tajjeb għal din il-mistoqsija.

*2.* Ħafna kandidati taw tweġiba tajba u b'hekk qablu li l-poetessa tuża ton ta' rabja. Imma kien hemm diversi kandidati li ma fehmux x'inhi t-tifsira ta' "t-ton tal-poetessa." Kien hemm xi wħud li kitbu *ton vulnerabbli*, *ton kiefer, ton kalm, ton trankwill,* u oħrajn. Kien hemm ukoll min tfixkel u ħaseb li ried jirreferi għall-aħħar strofa tal-poeżija u mhux tas-silta (*Lejn l-aħħar tal-poeżija hija tistenna li r-rabja tagħha jaċċettaha u jitfa' risposta lura ħafifa bħal ballun*). Dawn tal-aħħar ma ngħatawx marki għax il-mistoqsija kienet ċara li kellhom jirreferu għas-silta.

3. Kien hemm għadd ta' kandidati li ħalltu l-metafora mal-alliterazzjoni minħabba li "ballun" u "balla" jibdew bl-ittra "b"; ma tawx kas li huma żewġ kelmiet imbegħdin minn xulxin fil-poeżija. Kien hemm min identifika l-metafora imma sabha diffiċli biex jitkellem fuq l-effett tal-"ballun" u l-"balla". Tista' tgħid li t-tieni parti ta' din il-mistoqsija ħadd ma weġibha tajjeb. Xi wħud spjegaw tajjeb it-tifsira metaforika ta' "ballun" u ta' "balla" iżda ma ħarġux il-kuntrast bejniethom, jiġifieri li l-imħabba ddawret f'xi ħaġa ta' mibegħda: b'hekk ma ngħatawx il-marki kollha. Kien hemm min iffoka fuq il-fatt li "ballun" u "balla" jibdew bl-istess konsonanti u raw implikazzjoni ta' rabja b'dan l-emfasi fuq il-"b".

4. Bosta kandidati wieġbu tajjeb, imma xi wħud, minflok *vers ħieles*, kitbu *vers imħallat* jew *vers irregolari*; oħrajn qalu li huwa *vers maħlul* jew *ottonarju*. Ħafna qablu li dan il-vers jirrappreżenta r-rabja u t-tfixkil li qiegħda fih il-poetessa. Kien hemm numru ta' kandidati li minflok ma taw l-effett tal-użu tal-vers ħieles, ikkwotaw vers mis-silta u interpretawh. B'hekk jidher li ma fehmux li din kienet mistoqsija dwar il-metrika u l-effett tagħha.

5. Hawnhekk bosta kandidati kkummentaw fuq il-fatt li l-poetessa xorta baqgħet tittama li xi darba l-maħbub tagħha jerġa' jħobbha. Kien hemm numru minnhom li rreferew għall-kwotazzjoni "itfagħhieli qisha ballun". Oħrajn ma tkellmux dwar il-bqija tal-poeżija iżda tkellmu dwar il-biċċa li ngħatat. Kien hemm ukoll min fehemha li l-poetessa baqgħet irrabjata mingħajr ma wera l-idea li setgħet xtaqet iġġib lura lil żewġha.

Il-kandidati għandhom jaqraw b'mod ċar jekk ikollhomx iwieġbu b'rabta mas-silta li tkun ingħatat jew b'rabta mal-biċċa li ma tkunx ingħatat. Kien hemm każ ta' tul esaġerat: it-tweġiba għall-mistoqsija numru 4 kien fiha mitt kelma u dik għall-ħames mistoqsija kienet twila 130 kelma. Ħafna mill-materjal li nkiteb kien irrelevanti. It-tul ma jżidx il-marki; huwa l-kontenut u r-relevanza tiegħu li jiġu assessjati.

**It-Tieni Karta A – Referenza għall-Kuntest (Il-Proża)**

*Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltilha*

1. Rigward il-figura tad-diskors tas-sentenza magħżula, għalkemm kien hemm għadd sabiħ ta' kandidati li kienu jafu li kienet ewfemiżmu, kien hemm ħafna tweġibiet varjati bħal alliterazzjoni, iperboli, eliżjoni, analessi, eleġija, personifikazzjoni, metafora, patos, ewtanasja, alliterazzjoni konsonantali, ironija, u epiżewski. Kien hemm min flok ta l-figura tad-diskors, fisser il-vers. Meta ġew biex iwieġbu t-tieni parti tal-mistoqsija, kitbu xi tfisser metafora, xi jfisser ewfemiżmu (skont il-każ) mingħajr ma spjegaw l-effett li l-figura tad-diskors toħloq fil-ġrajja. Ukoll dawk li identifikaw li din kienet ewfemiżmu u fissru li Stella mietet, ma wiġbux it-tieni parti tajjeb għax baqgħu jgħidu ewfemiżmu x'inhu minflok ma tkellmu fuq l-effett tiegħu. Ma bdewx isemmu li Stella straħet mit-toqol tas-sigriet billi qalitu lil Lina u lil Maurice. Waqfu sal-mewt biss.

2. F'din il-mistoqsija kien hemm ħafna li ma rreferewx għas-silta iżda għan-novella kollha. B'hekk kien hemm numru sew li wieġbu li Lina kienet l-aktar karattru importanti. La darba wieġbu ħażin għall-ewwel parti, it-tieni parti tal-mistoqsija twieġbet ħażin. Kien hemm xi wħud li qalu li Maurice kien l-aktar karattru importanti fis-silta.

3. Ħafna wieġbu tajjeb imma kien hemm min ma rabatx mal-kumplament tan-novella. Kien hemm min fehem bil-kontra u qal li lil Lina għoġbuha l-kitbiet għax sa fl-aħħar qrat xi ħaġa ġdida. Ma fehmux li ma impressjonawhiex imma ispirawha biex tikteb xi ħaġa hi. Kien hemm ħafna kandidati li kitbu li l-kotba ma impressjonawhiex lil Lina u waqfu s'hemm. Oħrajn komplewha li fl-aħħar tan-novella naraw lil Lina *taqbad il-lapes* u tibda tikteb (jiġifieri ħajruha tikteb). Min wieġeb ħażin għal din il-mistoqsija kiteb li Lina indunat li n-nisa kienu kapaċi daqs l-irġiel u kiteb dwar l-emanċipazzjoni tal-mara.

4. Din il-mistoqsija kien hemm ħafna kandidati li ġabuha ħażina għaliex ma bdewx jitkellmu fuq l-effett tal-biża' u li Stella ma riditx tfakkar lilha nnifisha fuq il-biża'. Kien hemm min ma ddistingwiex bejn iż-żewġ mistoqsijiet (a) u (b) u spiċċa jirrepeti l-istess ħaġa fiż-żewġ tweġibiet (i.e. li Stella kienet tibża' li jinduna Maurice). Ħafna semmew li l-puntini joħolqu s-suspens.

*Jacqueline*

1. Kienu bosta l-kandidati li interpretaw l-istat li kien fih Mario bħala wieħed ta' paniku. Oħrajn qalu li kien konfuż, imħawwad, u mifxul. Xi kandidati sabu ruħhom f'diffikultà biex jifhmu xi tfisser is-silta "l-istat li jinsab fih Mario" għax, għalkemm il-maġġoranza wieġbu *fi stat ta' paniku,* kien hemm numru mhux ħażin li kitbu *stat indeċiż* jew *stat ta' paniġierku.* Il-kandidati li ġabuha ħażina kienu dawk li ħasbu li dawk it-tliet mistoqsijiet kienu parti mid-deċiżjoni li kien qed jieħu Mario. Minħabba f'hekk, ħafna rrispondew li kien indeċiż u b'hekk ġabuha ħażina. Dan wassal biex mistoqsija numru 1b ġabuha ħażina wkoll: kitbu li l-missila hi l-konfużjoni li kien għaddej minnha dak il-ħin. Fil-paragun mal-missila, kien hemm ħafna kandidati li qalu li l-aħbar ħasditu u għalhekk ma ħassux ippreparat għaliha. Kien hemm ukoll min ma fehemx x'inhi "missila" fil-kuntest tas-silta. Xi wħud qabbluha ma' missila li tkun enerġetika: missila marbuta ma' theddida ta' bomba minn Mario u laqqa' din il-"missila" mal-ħsieb li Mario missilha qalbha lil Jacqueline.

2. Kien hemm diversi kandidati li sabuha diffiċli din il-mistoqsija. Ħafna kandidati bdew użaw it-tweġiba ta' 1(a) għal din il-mistoqsija. Ħafna oħrajn kitbu li Mario ma jagħtix importanza l-età tiegħu għax suppost ta' 27 sena kellu jġib ruħu ta' ġuvni matur mhux ta' *baby* u waqfu hemm. Ftit kienu dawk li żiedu li kien qed jikber u allura ma setax jitlef opportunità bħal din. Fit-tieni parti ta' din il-mistoqsija kien hemm bosta kandidati li għarfu l-inċertezza ta' Mario iżda xi wħud sempliċiment reġgħu kitbu dak li kien hemm fil-karta. Kien hemm xi kandidati li wieġbu b'Malti li normalment jitqies baxx. Ngħidu aħna, qalu li Mario ma riedx *ifotti* r-relazzjoni ma' Jacqueline.

3. Xi kandidati jsibuha diffiċli biex jagħrfu x'inhuma l-karatteristiċi li jiffurmaw il-karattru ta' persuna. Ngħidu aħna, kien hemm min kiteb dwar il-karattru ta' Mario li *kien għażeb* u li *kien allerġiku għat-tadam,* u li Jacqueline kellha karattru ta' *bniedma żaqqieqa.* Għal darba oħra ħafna kandidati ma qrawx u ma fehmux il-mistoqsijiet sew. Kultant fejn ikollhom iwieġbu mill-biċċa li tkun ingħatat, iwieġbu b'rabta mas-silta kollha. Xi drabi hekk ġara hawn għax bdew isemmu karatteristiċi fil-karattru ta' Mario u jagħtu raġunijiet li mhumiex f'din il-parti tas-silta. Xi wħud kitbu li Mario kien mistħi, indeċiż, u immatur. Ftit kienu dawk li kitbu li kien makakk u kważi ħadd ma semma li kien sportiv. Kien hemm xi studenti li kitbu li Mario kien sempliċi għax xtaq tfajla sempliċi u żewġ pastizzi. Kien hemm xi kandidati li ma tawx raġunijiet għall-karatteristiċi li kitbu.

4. Ma tantx kien hemm diffikultajiet biex isibu l-onomatopea imma mbagħad biex jitkellmu dwar l-effett li ried joħloq biha n-narratur bdew isibuha diffiċli. Ħafna kitbu li l-onomatopea tagħmel is-silta aktar realistika. Kien hemm bosta kandidati li minflok kitbu dwar l-effett tal-figura tat-taħdit, kitbu dwar l-effett ġenerali tat-terminu letterarju.

Insibu numru ta' kandidati li użaw vokabularju Ingliż biex ifissru ruħhom: *Din hija hint ta' x'se jiġri*, *wieħed li għandu low self esteem, Mario kellu self esteem baxxa.*

Jeħtieġ li jsir aktar xogħol fuq l-effetti tal-elementi letterarji.

Miż-żewġ siltiet l-iktar li ntgħażlet kienet *Jacqueline* li kellha wkoll l-aħjar tweġibiet. Fit-tnejn li huma, però, kien hemm nuqqasijiet fit-tifsir tal-figuri tad-diskors, l-iktar biex ifissru l-effett li riedu joħolqu l-awturi.

Kemm-il darba għadd mhux żgħir ta' kandidati rreferew għax-xogħlijiet bħala poeżiji minflok novelli jew rakkonti, u għall-kittieba bħala poeti.

Wieħed ma setax ma jinnotax xi tweġibiet twal imma li ma tantx kienu ta' sustanza.

**It-Tieni Karta A – Il-Komponimenti Letterarji**

Dan li ġej gej dirett mill-markers:

<u>*Bejn Ħaltejn* (barra *Il-Ħarsa ta' Rużann)*</u>

Marker A

- Meta l-kandidati rreferew għall-poeżija jew novella, inkludew il-partiċella *ta'* qabel l-isem: *Fl-antoloġija ta' Bejn Ħaltejn, Fil-poeżija ta' Niftakar, Fis-silta ta' Xtara l-Ħut fil-Baħar.* F'kollha kemm huma l-kelma *ta'* kienet superfluwa.
- Spiss il-kandidati kitbu li *l-poeta jirrakkonta...* meta fir-realtà l-poeta kien qiegħed jesprimi emozzjoni u ma kien qed jirrakkonta xejn.
- Ħafna kandidati ma kinux preċiżi f'dak li rreferew għalih. Fir-referenza għal <u>Katrin tal-Imdina</u>, il-maġġoranza kitbu li l-ħakem kien qed jiżżewweġ lil Katrin, imma numru konsiderevoli kitbu li kien persuna differenti: *ġeneral, sultan, raġel tal-flus, prinċep, kaptan tas-suldati, baruni, suldat tad-dejma, kavallier, granmastru,* u *il-persuna li tieħu ħsieb l-attakki għal Malta.*
- Fil-biċċa l-kbira l-ismijiet tal-poeżiji u n-novelli mhumiex immarkati bl-*inverted commas* jew b'sing taħthom.
- Spiss jirreferu għan-novelli bħala *poeżiji.* Saħansitra f'karta minnhom inkiteb *F'din l-istrofa,* meta r-referenza kienet għan-novella <u>Ċensina</u>.
- Kien hemm xogħol li ma kienx letterarju imma ġenerali għax inkiteb dwar tema mingħajr referenza għal xi xogħlijiet letterarji.
- Kultant il-marker beda jieħu l-impressjoni li xi kandidati ma kinux jafu xi tfisser il-frażi "problemi soċjali" għax dawn il-kandidati bdew jużawha b'mod vag.

Marker B

L-ewwel komponiment: Ħafna kandidati bdew jirrakkontaw il-poeżiji aktar milli janalizzawhom.

It-tieni komponiment: Dan kien l-inqas komponiment letterarju li ġie magħżul. Kien l-aktar komponiment letterarju li l-kandidati ma waslux għalih. Minflok ma bdew jiddiskutu t-tema tal-politikanti, bdew jirrakkuntaw in-novella. Ftit irnexxielhom jidentifikaw il-bidla li kien hemm fil-politikant tan-novella Ċensina.

It-tielet komponiment: Din li l-kandidati jirrakkontaw l-istorja jew iqassru l-poeżiji jidher li qed tkun popolari f'kull komponiment letterarju, anki hawnhekk. Rakkont jew taqsira ta' xogħol letterarju juri li l-kandidat jikteb dak li għandu f'moħħu, irrispettivament mill-mistoqsija li għandu quddiemu. Kien hemm numru żgħir ta' kandidati li kellhom komponiment letterarju tajjeb imma għal xi raġuni jew oħra għamlu wieħed biss. Kien hemm min ma tax kas it-tul u ġie ppenalizzat.

Marker Ċ

L-ewwel komponiment: Bħala introduzzjoni kien hemm numru ta' kandidati li semmew li fiż-żewġ poeżiji hemm emozzjonijiet ta' dwejjaq u ta' ferħ li jgħaddu minnhom il-koppji. Xi oħrajn għall-introduzzjoni reġgħu kitbu t-titlu tal-komponiment fi kliemhom. Fil-maġġorparti, l-iżvilupp għal dan l-esej kien magħmul minn żewġ paragrafi: wieħed dwar Niftakar u ieħor dwar Katrin tal-Imdina. Kien hemm kandidati li sempliċiment qalu dwar xiex inhuma l-poeżiji fi kliemhom. Xi kandidati ffukaw fuq il-figuri tad-diskors u t-teknika biex ifissru l-emozzjonijiet. Kien hemm ħafna li semmew l-antistrofa f'Niftakar, il-lingwaġġ sensorju fiż-żewġ partijiet tal-poeżija, u t-teknika tal-paralleliżmu. Għall-poeżija Katrin tal-Imdina fissru l-emozzjonijiet li jidhru waqt iż-żwieġ tal-koppja nobbli u l-mewt tal-ħakem. Kien hemm ftit kandidati li rreferew għall-emozzjoni tal-Maltin qalbenin lesti għall-ġlieda kontra l-għedewwa. Ħafna rreferew għall-antiteżi "ittejjeġ u tormol". Fil-konklużjoni xi kandidati għażlu li jiktbu x'tgħallmu mill-poeżiji. Eżempju: *Dawn il-poeżiji jgħallmuni li għandi napprezza aktar iż-żmien qasir li nqatta' mal-għeżież tiegħi.* Kien hemm xi kandidati li dehru li tgħallmu sensiela ta' noti bl-amment u ma addattawhomx skont is-suġġett tal-mistoqsija u b'hekk qajla rreferew għall-emozzjonijiet.

It-tieni komponiment: F'dan il-komponiment, b'mod ġenerali, ħafna mill-kandidati ma tantx marru tajjeb għax minflok ikkummentaw fuq ir-referenzi li jsiru dwar il-politikanti, kitbu dwar x'jagħmlu l-protagonisti tan-novelli jew irrakkuntaw in-novelli fi kliemhom. Fi Xtara l-Ħut fil-Baħar, bosta mill-kandidati rrakkuntaw kif is-Sur Tonin jiġi avviċinat biex joħroġ għall-politika. Ikkummentaw fuq il-fatt li hu ma kienx jinqala' għal dan ix-xogħol u fuq in-nuqqas ta' kapaċità tiegħu li jitkellem quddiem in-nies. Ħafna semmew kif is-Sur Tonin jiġi ingannat mill-Ispitfire li, bħal kulħadd fir-raħal, kien qed jieħu l-opportunità biex jiggwadanja minn fuq dahru. Kien hemm min għamel referenza wkoll għall-ħafna wegħdi ta' waqt l-elezzjoni. Għan-novella Ċensina, il-kandidati rreferew għaż-żjarat fid-djar li kien qed jagħmel il-kandidat. Semmew ukoll li l-kandidat kien ġenwin li jgħin lil Ċensina bis-serjetà iżda dan jiddubitawh minħabba t-tmiem tan-novella. Bħala konklużjoni ħafna semmew li l-politikanti huma lkoll għatxana għall-vot.

It-tielet komponiment: Kienu bosta l-kandidati li ntilfu jirrakkuntaw in-novella minflok jargumentaw. Għall-Koranta semmew li n-nies tar-raħal kienu jgħadduha biż-żmien, irreferew għax-xena ta' meta tiżżewweġ bħala l-klajmaks tal-inġustizzja li soffriet il-Koranta u li Indrì biss kien jirrispettaha. Kien hemm ftit li kitbu li l-Koranta kienet divertiment irħis għan-nies u la l-ġenituri u lanqas il-pulizija ma waqqfu lit-tfal milli jgħaddu lill-Koranta minn martirju. Kien hemm kandidati li ħawdu l-Koranta ma' Refuġjata. Fin-novella Bl-Irħis, xi kandidati wkoll ntilfu jirrakkuntaw. Kien hemm uħud li ħawdu l-ismijiet tal-karattri Fajsal u Kablan. Kien hemm oħrajn li rreferew għall-isfruttament tal-immigranti għax b'ġilda skura u għax jaħdmu bla permess. Bosta kandidati użaw *emigrant* minflok "immigrant". Bħala konklużjoni kien hemm kandidati li qalu li l-problemi soċjali li niltaqgħu magħhom fin-novelli għadna nsibuhom illum.

Marker D

- Kien hemm xi kandidati li ma qrawx ir-*rubric* tajjeb. Għalhekk għażlu esej wieħed minflok tnejn f'din it-taqsima.
- Il-maġġoranza tal-kandidati tilfu l-marki minħabba żbalji ortografiċi u grammatikali.
- Il-maġġoranza tal-kandidati huma iktar kapaċi jargumentaw f'komponiment letterarju tal-poeżija milli dak tal-proża. F'tal-aħħar, xi kandidati jsibuha iktar faċli jirrakkuntaw l-istorja.
- Il-kandidati jikkwotaw iżjed f'komponiment letterarju tal-poeżija milli f'dak tal-proża.
- Ħafna mill-kandidati li għażlu t-tieni mistoqsija ma argumentawx u ma ħarġux il-karatteristiċi tal-politikanti, imma nfexxew jirrakkuntaw x'għamlu l-politikanti fl-istorja.
- Kultant il-kandidati rreferew għall-kittieba b'isimhom u mhux b'kunjomhom.

Marker E

L-aħjar tweġibiet ġew mill-mistoqsija dwar il-poeżiji. B'mod ġenerali ta' min jinnota li bħala konklużjoni ħafna kandidati għarfu jisiltu xi tagħlima għal ħajjithom li żgur m'għandhiex tidħol f'konklużjoni ta' komponiment letterarju. Xi eżempji huma dawn: *għandna nitgħallmu li għandna ngħożżu dak li għandna; kulħadd ikun għaddej minn xi tip ta' saram fil-ħajja allura m'għandna qatt niddieħku b'ħadd; irridu noqogħdu attenti għax aħna rridu mmexxu lil pajjiżna; noqogħdu attenti li bl-imġiba tagħna ma nweġġgħux il-proxxmu; nitgħallmu li l-ħajja mhix faċli allura rridu nimxu pass pass*. Ta' min jinnota wkoll li ħafna mill-introduzzjonijiet kienu jimxu kelma b'kelma mal-mistoqsija. Nosservaw l-iżbalji ta' termini letterarji bħal: *Katrin tal-Imdina msejħa ħrafa;* il-poeżiji msejħin *prożi;* il-poeti msejħin *prożaturi;* in-novelli jissejħu *poeżiji* jew *rumanzi;* in-narraturi jissejħu *poeti*. Ninnutaw ukoll li f'ħafna komponimenti iktar kien hemm rakkont milli argumenti analitiċi, l-iktar fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar in-novelli. Ta' min jgħid ukoll li kien hemm numru mhux ħażin li tilfu l-marki minħabba komponimenti qosra wisq jew twal iżżejjed. Kien hemm esejs tajbin imma ma nkitbux bin-numru ta' kliem mitlub, l-iktar dawk twal iżżejjed. Fl-aħħar nett wieħed ma setax ma jinnutax lingwaġġ pjuttost kollokjali min-naħa ta' xi kandidati bħal: *ċuċati, kemm kien ċuċ; ifottulha*. Għalkemm kien hemm kandidati li studjaw tajjeb is-siltiet, kien hemm oħrajn li kkwotaw ħażin u ħawdu l-ismijiet. Kien hemm min, pereżempju, ħallat il-poeżija <u>Niftakar</u> ta' Anton Buttigieg ma' <u>Tifkiriet ta' Tfuliti</u> ta' Karmenu Vassallo. Xi drabi kien hemm kummenti li juru ċar li xi kandidati ma qrawx it-testi għaliex irrakkuntaw affarijiet li ma kinux relatati mas-silta.

<u>*Il-Ħarsa ta' Rużann*</u>

Marker A

- Punt li jolqtok int u taqra dawn il-komponimenti letterarji huwa t-tul esaġerat ta' xi wħud minnhom. Numru kbir kienu bejn wieħed u ieħor xi 500 kelma twal, oħrajn saħansitra kważi qabżu s-600 kelma. Dan jirrifletti ħażin fuq il-kandidati għax ma jkunux kapaċi jibnu l-argumenti tagħhom fit-tul mitlub.
- Xi kandidati tfixklu fl-ismijiet tad-dixxendenti ta' Rużann: Marija *teduka lil binha Karmenu, Ġina żżewġet u kellha lil Lurenz, il-proċess jibda minn ibinha* [ta' Rużann] *Pietru, Pietru il-wild ta' Rużann, Marija żżewġet lil Karmenu, Luċija kienet bint Pietru,* u ħafna u ħafna oħrajn.
- Xi kandidati kitbu b'lingwa mitkellma u mhux b'lingwa formali: *Karmenu tgħidx kemm inħaraq meta attakkawh tax-Xuxana.* U nsibu wkoll l-użu ta' kliem u frażijiet Ingliżi: *kien se jinħoloq il-middle class.*
- Ma jonqosx li kien hemm komponimenti letterarji ta' livell tajjeb, b'argumenti eċċellenti mingħajr rakkontar żejjed. Id-dnub hu li ntilfu xi marki minħabba ortografija ħażina. Kien hemm ukoll xi konklużjonijiet tajbin ħafna u addattati għall-argumenti miġjuba fil-komponiment.

Marker B

L-ewwel komponiment: Dan kien l-aktar komponiment li ġie magħżul. Ħafna kandidati kellhom kitba tajba imma kien hemm numru mhux ħażin li ma ħarġux l-importanza ta' Rużann. Bdew jitkellmu dwar il-karattri bla ebda referenza għal Rużann.

It-tieni komponiment: Dan il-komponiment ma tantx ġie magħżul u min għażlu ma tantx fehem x'kellu jagħmel. Hawn iktar taw rakkont dwar il-familja de Los Ingallos u d-diskors ta' Mark Antonin. B'hekk il-komponiment ma żviluppax għax ma ffukawx fuq il-klassi l-baxxa u kif din irnexxiet bis-saħħa tal-edukazzjoni. Kultant urew li fehmu biss l-ewwel biċċa tar-rumanzett.

Kien hemm min sabha diffiċli biex jikteb 400 kelma fuq dan ix-xogħol.

Marker Ċ

L-ewwel komponiment: Il-maġġoranza tal-kandidati għażlu dan l-esej. Il-kandidati sabuha diffiċli biex jargumentaw u allura spiċċaw jirrakkuntaw. Ġie nnutat li xi kandidati tgħallmu esejs sħaħ bl-amment u ma addattawhomx biex jirreferu għall-mistoqsija. Waqt l-esej, il-kandidati għandhom jagħmlu referenza għat-tema tal-mistoqsija. Il-maġġoranza tal-kandidati rreferew għad-dixxendenti kollha ta' Rużann u semmew referenzi li juru li l-preżenza ta' Rużann ġabet magħha emanċipazzjoni fl-edukazzjoni, fil-mara, u fil-klassi soċjali. Rużann tidher ukoll bħala waħda li tgħin fid-deċiżjonijiet. Kien hemm xi kandidati li rreferew għall-preżenza *surreali* ta' Rużann.

It-tieni komponiment: Kien hemm inqas kandidati li għażlu dan l-esej. Dawk li għażluh semmew li Rużann qatt ma riedet tiżżewweġ lil Mark Antonin, li Mark Antonin neħħa s-sistema fewdali, u li d-dixxendenti ta' Rużann bdew jitilgħu fl-istrati soċjali permezz tal-edukazzjoni. Fost il-punti li ssemmew kien hemm: l-attakk tax-Xuxana, l-argument tal-Buweri li jwassal lil Marija titkellem fuq l-edukazzjoni, il-professjoni ta' Pietru u Salvina, l-arti ta' Ġina, u fl-aħħar il-professjoni ta' Luċija u l-għarus tagħha. Kien hemm xi wħud li bdew jirrakkuntaw (flok jargumentaw) speċjalment fil-parti tal-argument tal-Buweri.

Marker D

- Il-maġġoranza tal-kandidati tilfu l-marki minħabba żbalji ortografiċi u grammatikali.
- Il-maġġoranza tal-kandidati għażlu l-ewwel mistoqsija. Il-kandidati jidhru li kienu midħla ta' dan ir-rumanzett u għalhekk rrispondew tajjeb għal din il-mistoqsija. Ħafna minnhom argumentaw tajjeb meta kitbu li l-iskop tal-ħarsa u tal-karattru ta' Rużann hu l-emanċipazzjoni tal-poplu. Xi drabi l-marki ntilfu minħabba li l-kandidati rrakkuntaw l-istorja flok argumentawha.
- Il-ftit kandidati li għażlu t-tieni mistoqsija rrispondewha tajjeb għaliex Ebejer ta importanza lill-klassi l-baxxa.

Marker E

Bla dubju l-mistoqsija li ntgħażlet mill-maġġoranza tal-kandidati kienet l-ewwel waħda. Tajjeb li ngħidu wkoll li kien hemm għadd imdaqqas ta' kandidati li wieġbu tajjeb għal din il-mistoqsija. Ma nistgħux ngħidu l-istess ħaġa għat-tieni mistoqsija. Il-biċċa l-kbira tat-tweġibiet ftit li xejn ittrattaw l-importanza tal-klassi l-baxxa wara l-mewt ta' Mark Antonin. Ftit li xejn ġie diskuss l-iżvilupp ta' din il-klassi l-aktar bis-saħħa tal-edukazzjoni. Ħafna mill-kandidati ddiskutew ir-relazzjoni bejn Mark Antonin u missieru u bejnu u Rużann u mal-mewt tiegħu ma raw xejn importanti. Rigward l-ewwel komponiment jidher li kien hemm ammont mhux ħażin ta' preparazzjoni għalkemm xi drabi iktar insibu rakkont waqt li l-preżenza ta' Rużann tinħass waħda superfiċjali b'xi kumment ħafif fuq il-ħarsa tagħha. Xi wħud sabu wkoll diffikultà biex ifissru post Ġina u Luċija fir-rumanzett. Kien hemm min kiteb li Rużann dehret fiżikament lil Ġina jew li Ġina *ma tiflaħx aktar ma tarax wiċċ din il-mara misterjuża u tiddeċiedi li tikkommetti suwiċidju*, jew li *Ġina kellha l-unur li tkellimha*. Xi drabi kien hemm ħafna argumenti ġenerali bla referenza xejn għar-rumanzett. Il-ħasra hi wkoll li numru mdaqqas ta' kandidati tilfu l-marki minħabba komponimenti qosra jew twal iżżejjed. Dawk twal iżżejjed ġeneralment kienu komponimenti tajbin.

Fost diversi nuqqasijiet oħra wieħed isemmi li ħafna introduzzjonijiet tal-komponimenti kienu fotokopja tal-mistoqsijiet. Kien hemm min ħawwad fl-użu tat-termini, bħal pereżempju kien hemm min kiteb li Francis Ebejer kien poeta u li r-rumanzett huwa poeżija; jew kien hemm min tħawwad fil-kelmiet *antenati* u *dixxendenti*. Kien hemm xi kandidati li ħalltu l-karattri, ngħidu aħna li Marija kienet il-mara ta' Pietru u li flimkien kellhom lil Luċija. Fl-aħħar nett wieħed ta' min jirreferi għal xi kummenti inkorretti bħal: *Karmenu*

*jmur għand Nina* (in-Nuna); *Rużann tant kellha għajnejha sbieħ li l-ġuvintur li kellha kollha kienu jiġġennu warajha*; *Karmnu kienu attakkaw id-dar tiegħu l-boweri*; *beda jiffanzja tfajla; kienet iffanzjat lil Wenzu*; (Rużann) *tmexxihom fit-triq it-tajba bħallikieku kienu pupazzi; fi żmien Pietru tissemma l-gwerra tal-Vietnam; Rużann kienet preżenti wkoll fil-ġlieda tal-Buweri mas-sagristan*.

**Xi kummenti ġenerali**

*Fuq il-kontenut*

Il-karta 2A ma kinitx tqila. Kollox ma' kollox, bosta kandidati dehru li kienu ppreparati sew; u kienu tassew ftit dawk li resqu għal din il-karta b'attitudni ta' fejn ħabat laqat. Madankollu kien hemm għadd ta' nuqqasijiet li twettqu minn bosta minnhom. Insemmu ftit minnhom:

- In-nuqqas ta' punteġġjatura li tindika b'mod distintiv fejn jidħlu t-titli ta' poeżiji, novelli, ir-rumanz, jew l-antoloġija li tkun qiegħda ssir referenza għalihom.
- Żball komunissimu kien li l-paragrafu dwar xi xogħol letterarju jinbeda mingħajr il-prepożizzjoni "fi" minkejja li tkun meħtieġa: *Il-Koranta miktuba minn Oliver Friggieri naraw kif...;* u jinbeda biha meta ma tkunx meħtieġa: *Fin-novella ta' Oliver Friggieri turi problema soċjali...*
- L-aktar b'referenza għall-poeżiji Niftakar ta' Anton Buttigieg u Katrin tal-Imdina ta' Dwardu Cachia, ħafna kandidati kitbu – *il-poeżija maqsuma f'biċċiet* flok "il-poeżija mqassma f'partijiet".
- Ħafna kandidati jagħmlu virgola flok *fullstop*: *kif jiddeskrivi l-poeta/l-kittieb, dan narawh...*
- Ma kinux ftit l-introduzzjonijiet u l-konklużjonijiet li nħassu tassew xotti jew dgħajfa.
- Lanqas ma kienu ftit dawk il-kandidati li waqgħu għat-tentazzjoni li jirrakkuntaw il-ġrajja (tar-rumanzett jew tan-novelli, u wkoll tal-poeżiji li inzertaw b'element narrattiv), bla ma mqar għaddew kummenti oħra ta' natura analitika.
- Kien hemm għadd ta' kandidati li ma qrawx ir-rubrika (sew) u flok wieġbu mistoqsija waħda f'taqsima, wieġbu tnejn fir-raba' taqsima. Bosta oħrajn ma żammewx mar-rubrika billi kitbu ferm inqas jew ferm aktar mill-għadd ta' kliem mitlub.
- Minn dak li kitbu l-kandidati joħorġu xi impressjonijiet ħżiena: f'mistoqsija numru 2 dwar Jum San Valentin, b'"Għaliex tużah?" (i.e. it-ton ta' rabja), diversi kandidati fehmu li riedu jsemmu l-kawża tar-rabja tal-poetessa u mhux l-intenzjoni stilistika tagħha; xi kandidati ħasbu li l-personaġġ politiku f'Ċensina kien l-awtur innifsu, Lino Spiteri; mit-tweġibiet dwar in-novella Bl-Irħis, jinkixef il-fatt li bosta kandidati kellhom l-impressjoni li jekk jaħdmu r-refuġjati/l-immigranti irregolari jkunu qegħdin jagħmlu dan illegalment.
- Din is-sena aktar mis-sena l-oħra xi kandidati għamlu użu mit-termini letterarji fil-komponimenti. Din hija xi ħaġa tajba madanakollu ħafna naqsu milli jorbtu l-effett tagħhom mat-tema.
- Kien hemm min ħawwad it-tip ta' xogħlijiet, bħal novella jsejħulha poeżija u viċe versa. Kien hemm min lanqas biss kiteb l-isem tax-xogħlijiet fl-*inverted commas*.
- Ftit kienu l-kandidati li kienu jafu jikkwotaw b'mod korrett (eż. *jien u l-ħajbu / l-ħajbu u jien*) – u tajjeb jekk jaqbżu linja meta l-kwotazzjoni tkun twila. Il-kandidati jridu jitgħallmu jużaw il-kwotazzjonijiet b'mod għaqli u effettiv. Dawn jintużaw biex jissaħħaħ l-argument u mhux għax tgħallmuhom bl-amment u għalhekk ideffsuhom anki jekk ma jkollhomx x'jaqsmu mal-argument.
- Ħafna ntilfu jirrakkontaw partijiet li ma kinux marbutin mat-titlu minflok ma analizzawh.
- Il-kandidati naqsu milli jintroduċu u jikkonkludu l-esej b'mod effettiv. Kien hemm studenti li lanqas biss strutturaw il-komponiment f'bidu, żvilupp, u konklużjoni imma kitbu paragrafu wieħed sħiħ.
- Il-kandidati tilfu ħafna marki minħabba l-ortografija.
- Il-kandidati għandhom jagħmlu użu minn Malti li mhux meqjus baxx.
- Ftit kienu l-kandidati li kienu konxji mil-limitu tal-kliem u kien hemm aktar kandidati li kitbu inqas milli kienu mistennija milli aktar. Dan deher l-aktar fil-komponiment ta' Il-Ħarsa ta' Rużann.
- Jirreferu għal Maria Grech Ganado bħala l-*poeta*, u oħrajn jitkellmu fuq in-novella ta' *Lino Grech* flok "Lino Spiteri".

*Fuq l-użu tal-lingwa*

Kien hemm kandidati li użaw tajjeb frażijiet bħal *Karmenu reżiljenti* fil-komponiment dwar ir-rumanzett; u termini tekniċi u preċiżi bħal *patos*; *ton patetiku*; *jevoka*; *in medias res*; *sensorju*; *ironija drammatika*; *il-forma tidwi l-kontenut,* u *fallaċja patetika*.

Żball komuni kien *Il-klassi l-baxxa kellha bżonn temanċipa* u ħallew barra l-kelma "ruħha".

Insibu bosta termini użati minflok oħrajn. Ħafna kienu dawk li użaw *fejn* flok "meta" f'kuntest ta' żmien flok spazju. Fit-tweġibiet dwar Xtara l-Ħut fil-Baħar, mhux kandidat jew tnejn kitbu li l-*politikant* (ħafna ppreferew dan it-terminu, flok il-"politiku") *jitla'* (flok "joħroġ") għall-elezzjoni. Dwar Mario fis-silta Jacqueline, kważi l-kandidati kollha kitbu *fixkla* flok "fixla", biex juru li kien ippanikkjat. U dwar Ġina fir-rumanzett Il-Ħarsa ta' Rużann, kważi kulħadd kiteb *għormlot/ormlot* flok "romlot". Fil-każ tar-rumanzett ukoll, bosta kitbu li Ġina kienet *pittura* (flok "pittriċi"); u li Rużann *kabbret* (mhux "rabbiet") lil Karmenu.

Ħafna kandidati kitbu *għawnhekk*; *jaċċettagħha*; *minn naħa l-oħra*; *umani* (flok bnedmin; i.e. bħala nom mhux aġġettiv); u *iħoss empatija għal Katrina* (flok "simpatija" jew "jissimpatizza ma'/iħoss għal").

Insibu aktar kliem imsawwar ħażin (ġeneralment b'interferenza mit-Taljan u mill-Ingliż): *dubbituż* (flok dubjuż); *emantiċipattzjoni* (flok emanċipazzjoni); *stat konfużjonali* (flok stat ta' konfużjoni); *similazzjoni* (flok tixbih/similarità); *avvanzament* (flok avvanz); *immaturizza* (flok immatura); *preġudizjarju* (flok ippreġudikat); *skomodizza* (flok skumdità); *l-enfasizzazzjoni/ enfażizzjoni* (flok enfasi); *indeċiżezza* (flok indeċiżjoni); *kattività* (flok kattiverija); *l-awtonomità/ awtonomizzazzjoni* (flok awtonomija); *tissagrifiċja/sagrifiċjat* (flok issagrifikat); *kuntrastiċi* (flok kuntrastanti); *diskriminanti* (flok diskriminatorja); *ħossijiet* (flok ħsejjes); *kontinwanza* (flok kontinwazzjoni); *proteġġament* (flok protezzjoni); *miskopra* (flok skoperta); *tikkaratteristika* (flok tikkaratterizza); *il-gwidazzjoni* (ta' Rużann) (flok l-iggwidar [minn Rużann]); *redikolarment* (flok redikolu); *nies middieħkin* (flok nies daħkana); *emozzjonijiet qawwijiet* (flok emozzjonijiet qawwija); *patrijottistika* (flok patrijottika); *kumparaġġ/ kumparament* (flok tqabbil); *żmien medaviljali* (flok żmien medjevali); *eċitazzjoni* (flok eċitament); *kontradizzjonali/ kontradittorjali* (flok kontradittorju); *notabbli* (flok notevoli); *deskrivit/ iddeskriviti/ iddeskrivati* (flok deskritt/i); *parmamentali* (??); *mħassdin* (flok maħsudin); *restrittata* (flok ristretta); *traditut/ ittradixxut* (flok ittradut); *ħlewwizza* (flok ħlewwa); *utabilità* (flok utilità); *suġġerizzjonijiet* (flok suġġerimenti); *glandestin* (flok klandestin); *inġustizzjoni* (flok inġustizzja); *tmiem traġediku* (flok traġiku); *midħaqqija* (flok jidħqu bihom); *ton tenzjonat* (flok ton mimli tensjoni); *il-kappillan iferred* (flok jifred) *lin-nies*; *il-ħabra* (flok tħabbira/aħbar) *li wasal l-għadu*; *d-dedikament* (flok dedikazzjoni) *tal-politikant*; *atmospheri possitivi* (flok atmosferi pożittivi); *oppożiet lil żewġha* (flok opponiet); *spesifiku* (flok speċifiku); *spesifilmament* (flok speċifikament); *jesklużjawha* (flok jeskluduha); *kruweltà* (flok krudeltà); *espeċjalment* (flok speċjalment); *Ċensina tiddisparixxi* (flok tisparixxi); *similari* (flok simili); *jintarattaw* (flok jaħdmu fuq xulxin). Interessanti dawn li ġejjin (misjuba f'aktar minn xogħol wieħed): *kunjatuh* (flok il-kunjatu tiegħu); *impjegatur/ impjegant* (flok l-imgħallem/min iħaddem).

L-influwenza tal-Ingliż tidher ukoll f'dawn il-kalki: *waqgħu fl-imħabba* ("they fell in love"); *saqsew għaż-żwieġ* ("they asked to be married"); *qegħdin fuq ħarġa* ("they are on an outing").

Insibu wkoll bosta kollokjaliżmi, forom baxxi, jew Malti miktub tal-SMSs jew tal-iċċettjar: *qas* flok anqas; *daqt* flok dalwaqt; *naqa* flok naqra; *ħabba* flok minħabba; *jtih/jtik* flok jagħtih/jagħtik; *titmejjel*; *qeleb/jeqleb* flok qaleb/jaqleb; *jorina* flok jurina; *fottew/fottewlha; baqgħu jaqlgħulha* (lill-Koranta); *il-poetessa qiegħda taqlagħlu lir-raġel tagħha; kemm hija maħruqa b'dak li ġara.*

Fejn tidħol l-ortografija, kienu tassew ftit dawk il-kandidati li ma kellhomx xogħolhom miżgħud bl-iżbalji ortografiċi. L-iżbalji kienu wkoll f'affarijiet bażiċi bħal dawn li ġejjin: il-partiċella ("bħal") mal-artiklu; il-partiċella mqassra (*il-quddiem, l'quddiem*); *żewġt novella*; *qied, qiegħdha*; *Il-poeta jejdilna*; id-differenza bejn "min" u "minn"; *moħħa*; *jibgħatom*; il-passat tal-verb "ta*"* jiktbuh bl-"għ".

Il-Bord tal-Eżaminaturi jemmen bi sħiħ li kull min iħaddem il-Malti bħala mezz komunikattiv għandu jqarreb kemm jista' lejn l-ideal biex jinżammu u jitħarsu l-istandards u l-kwalità u titwarrab it-traskuraġni.

Min ma jkunx jaf jispelli bil-Malti, u jibqa' ma jiksibx il-ħila biex jispelli, aktarx li jibqa' jġorr dan in-nuqqas u jippropaga nuqqasijiet oħra kull meta jiktbu. L-immarkar ta' dan l-eżami jixħet piż xieraq fuq l-użu ortografiku tajjeb għax kull min 'il quddiem jara l-kitba ta' persuna li jkollha ċertifikazzjoni fil-Malti (fil-livell taċ-ĊES) u jsib li ma tafx tispelli sew bil-Malti, jieħu impressjoni ħażina ta' din il-kwalifika. Illum il-Malti qiegħed jinħadem f'forma diġitalizzata. Għaldaqstant sar aktar importanti minn qatt qabel li waqt il-kitba l-kittieb jispelli sew; inkella meta hu, jew ħaddieħor warajh, jagħmel tiftixa elettronika, jibqa' ma jsibx dak li fittex; jew isib biss dawk il-każijiet fejn it-termini jkunu jaqblu mal-kitba żbaljata tiegħu. It-tagħlim tal-lingwa jrid ikun ħolistiku, u l-ispelling tajjeb huwa parti minn dan it-tagħlim. Qed nagħmlu dan l-emfasi fuq l-ortografija sabiex nuru l-importanza ta' spelling tajjeb u nxejnu l-attitudni li la wieħed jinftiehem jista' jikteb kif irid. Iċ-ċertifikat taċ-ĊES huwa ċertifikat ta' profiċjenza fil-Malti, u l-profiċjenza tinkludi kitba bla żbalji.

**It-Tieni Karta B – Referenza għall-Kuntest (Il-Poeżija)**

Il-kandidati l-aktar li batew kien meta ġew biex jiddeskrivu l-karatteristiċi tal-vers ħieles, għax ħafna kienu dawk li semmew il-fatt li l-versi huma ta' tulijiet differenti biss u ma semmewx li m'hemmx rima regolari u li l-istrofi mhumiex indaqs. Kien hemm xi kandidati li wieġbu ż-żewġ mistoqsijiet ta' din it-taqsima meta kellhom iwieġbu waħda biss; f'dan il-każ ittieħdet l-ewwel tweġiba. (In-numri tal-paragrafi ta' hawn taħt jirreferu għan-numri tal-mistoqsijiet tal-karta tal-eżami.)

*<u>Refuġjata</u>*

1. Kienu ħafna li wieġbu tajjeb għal din il-mistoqsija u interpretaw sew din il-metafora. Madankollu, kien hemm uħud li ma fehmux li din is-sentenza hija figura tad-diskors u taw spjegazzjoni litterali li ma tagħmilx sens fil-kuntest tal-poeżija. Għalkemm il-maġġoranza wieġbu tajjeb, kien hemm min tfixkel bejn metafora u similitudni. Xi wħud flok l-effett ta' din il-metafora fix-xogħol letterarju ppruvaw jagħtu definizzjoni ta' metafora jew inkella fissruha b'mod litterali, eż. *qed tittama fis-siġar taż-żebbuġ ħalli jkollha x'tiekol*.

2. Ħafna mill-kandidati kienu jafu jagħrfu l-vers ħieles u anki qalu li l-poeżija hija moderna. Kien hemm ukoll min qal li hu vers imħallat. Ma naqsux risposti bħal *versi mgerfxa*. Imbagħad fuq il-karatteristiċi tal-vers ħafna qalu li għandu tulijiet differenti u ma tintużax rima; xi wħud ma semmew xejn dwar l-istrofi imma kien hemm min semma li l-vers ħieles jinvolvi wkoll strofi mhux indaqs u li r-rima tkun irregolari u li din it-tip ta' poeżija ma jkollhiex rima. Ħafna wieġbu billi qabdu vers mill-poeżija u kitbuh bħala tweġiba jiġifieri ma fehmux il-mistoqsija.

3. Il-maġġoranza tar-risposti kienu tajbin imma ma kinux ftit dawk li ntilfu jsemmu r-refuġjati li jaħarbu minn pajjiżhom. Il-maġġoranza tal-kandidati siltu l-vers it-tajjeb u dawk il-ftit li wieġbu ħażin ikkupjaw versi sħaħ u kultant strofi sħaħ u għalhekk urew li jew ma fehmux jew kienu inċerti. Għalkemm il-maġġoranza wieġbu tajjeb, kien hemm min qal li *l-poeżija jisimha 'Refuġjata' għax titkellem fuq refuġjata* mingħajr ma spjega x'tinvolvi li tkun refuġjat/a u għalhekk it-tweġiba tagħhom ġiet ikkunsidrata ħażina. Ħafna wieġbu tajjeb għat-tieni parti, iżda kważi ħadd ma poġġa l-kwotazzjoni bejn il-virgoletti u għalhekk jidher li l-kandidati neqsin minn tagħrif xieraq fuq il-punteġġatura.

4. Il-maġġoranza tal-kandidati wieġbu tajjeb. Min wieġeb ħażin wera li ma fehem xejn mill-poeżija. B'din il-mistoqsija l-kandidati setgħu itellgħu marki mhux ħażin f'dan l-eżerċizzju. Iżda kien hemm min flok vers wieħed niżżel xi tlieta. F'dan il-każ avolja t-tweġiba kienet parti mill-kwotazzjoni li niżżlu, it-tweġiba xorta tqieset bħala ħażina.

5. Għalkemm ħafna wieġbu tajjeb kien hemm għadd konsiderevoli ta' risposti ħżiena. Ħafna rrispondew li kienet *taqta' ż-żebbuġ mis-siġar* jew *ġewwaważi*.

*Jum San Valentin*

1. F'din il-mistoqsija ntilfu l-marki għaliex ħafna drabi t-tweġibiet kienu xotti ħafna, u xi wħud ma semmewx ir-rabja u t-tradiment. Il-maġġoranza fissru l-kartolina skont l-użu li trid tagħmel tagħha l-poetessa (*se tiktiblu kartolina biex turih ir-rabja li għandha għax tradiha*) mingħajr ma rreferew għall-kuntrast mill-użu konvenzjonali tagħha.

2. Kienu ħafna li wieġbu tajjeb għal din il-mistoqsija u interpretaw tajjeb din il-metafora. Madankollu, kien hemm uħud li ma fehmux li din il-frażi hija figura tad-diskors u taw spjegazzjoni litterali li ma tagħmilx sens fil-kuntest tal-poeżija. F'xi każijiet tħalliet barra. Fost dawk li wieġbu ħażin bosta wieġbu personifikazzjoni jew similitudni. Meta ġew biex jitkellmu fuq l-effett, bosta wieġbu billi ppruvaw jagħtu definizzjoni ta' metafora, personifikazzjoni, jew similitudni. Il-maġġoranza waslu biex jgħidu li din il-metafora qed twassal ir-rabja li qed tħoss il-poetessa u ma daħlux fir-raġuni għaliex il-poetessa tagħżel "kanun" u l-implikazzjonijiet ta' din l-għażla. Silta minn tweġiba tajba hija din li ġejja: *Il-kliem iebes li ser tgħidlu qisu balla li ħarġet minn kanun...*

3. Ħafna mill-kandidati għarfu l-vers ħieles, imma kien hemm min qal li huma *versi mgerfxa*. Imbagħad meta ġew biex ifissruh ħafna qalu li għandu versi ta' tulijiet differenti u ma tintużax rima; xi wħud ma semmew xejn dwar l-istrofi. Oħrajn wieġbu billi kkwotaw vers mill-poeżija u għalhekk jidher li ma fehmux il-mistoqsija.

4. Il-biċċa l-kbira wieġbu tajjeb. Imma ta' min jgħid li kien hemm min wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija iżda ma semmiex is-sentiment ta' rabja f'mistoqsija numru 1.

5. Hawnhekk it-tweġibiet kienu tajbin ukoll, u inkludew: *ir-raġel tal-poetessa, il-maħbub tagħha, l-għarus* u *s-sieħeb tagħha*. Dwar l-effett tat-tagħjira, ħafna ma weġbux ċar. Inħass evidenti ħafna f'din il-mistoqsija li l-kandidati mhux dejjem jieqfu u jifhmu sewwa xi jkun qed jintalab minnhom. Kienu ftit wisq li rriflettew fuq it-tagħjira lit-traditur. Kien hemm repetizzjoni bejn l-ewwel tweġiba u din. Wieħed jistenna li mill-poeżija l-kandidat jifhem li jekk kien hemm xi relazzjoni ta' mħabba, jidher li spiċċat jew li hija għaddejja minn żmien diffiċli, u għalhekk fit-tweġiba riedu jesponu din is-sitwazzjoni. Fost dawk li wieġbu tajjeb għat-tieni parti kien hemm dawk li spjegaw il-kuntrast bejn it-titlu u l-poeżija nnifisha fid-dettall. Eżempju ta' tweġiba tajba: *Meta wieħed iqabbel t-tagħjira li tagħtih Ganado mat-titlu jinnota li hemm kuntrast għaliex filwaqt li t-titlu jirreferi għall-jum li fih il-maħbubin juru l-imħabba tagħhom, hi turih l-weġgħa li għandha għax tradiha*.

**It-Tieni Karta B – Referenza għall-Kuntest (Il-Proża)**

*Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltilha*

1. Il-kandidati batew ħafna biex iwiġbuha. Għalkemm kien hemm min deher li fehem l-effett tar-repetizzjoni, sabha diffiċli ħafna sabiex jispjegaha, u kienu ftit li waslu għall-effett ta' emfasi. Min din il-mistoqsija nħass li l-kandidati huma ppreparati fuq x'jiġri fl-istorja imma ftit li xejn jafu jagħmlu relazzjoni bejn il-forma u l-kontenut tal-kitba. F'xi każijiet fejn irnexxielhom jagħmlu dan sabuha mbagħad diffiċli biex jesprimu dak li riedu jgħidu. Kienu ħafna li qagħdu jgħidu r-rakkont ta' Stella.

2. Għalkemm mistoqsijiet ta' din ix-xeħta dehru faċli fil-poeżija, inħassu aktar diffiċli fil-proża. Ħafna ma sabux il-kwotazzjoni tajba u kkwotaw siltiet li ma jorbtux mal-mistoqsija. Min wieġeb tajjeb kien kapaċi wkoll jidentifika s-sentenza *dejjem irrifjuta lin-nisa* mingħajr ma jikkwota tul żejjed. It-tieni parti wkoll inħasset diffiċli u ngħataw ħafna risposti bħal *għax kellha ħafna kotba, għax kienet tħobb taqra, kienet taqra storja lit-tifla tagħha*, *kienet tirrakkonta storja fuq kull ktejjeb għax kellha ħafna xi tgħid fuqhom* mingħajr ma semmew ir-rieda fin-nisa li jkollhom il-manuskritti tagħhom ippubblikati.

3. Kien hemm min qal li hi metafora minflok simili/similitudni. Kien għalhekk li l-ispjegazzjoni dwar l-effett tagħha ma ngħatax tajjeb. Xi risposti kienu xotti bħal *qagħad bilqiegħda f'rokna u ma ċċaqlaqx*. Mhix qiegħda tingħata biżżejjed attenzjoni għall-kelma "effett". Insibu xi wħud li tkellmu f'dan is-sens, *Maurice qed jitqabbel ma' munzell tiben f'rokna tant kemm kien iddispjaċut u mbellah b'li għamlet Stella.* mingħajr ma spjegaw is-similitudni nnifisha u bla ma daħlu fl-effett ta' telqa qawwija li daħal fiha Maurice.

4. Intilfu l-marki meta r-risposti kienu xotti wisq jew meta rrakkuntaw parti mill-istorja li ma kinitx torbot mal-mistoqsija. Kienu ftit ħafna dawk li semmew il-preġudizzju kontra l-awturi nisa u r-raġuni għaliex seta' kien hemm dan il-preġudizzju, speċjalment min-naħa ta' Maurice. Kien hemm ukoll xi kandidati li bil-kelma "konflitt" fehmu konflitt fiżiku (ta' ġlied fiżiku). Oħrajn ippruvaw joħorġu kuntrast bejn Stella u Lina.

5. Ħafna wieġbu tajjeb imma kien hemm għadd konsiderevoli li qalu li Maurice kien librar jew lettur. Kien hemm numru żgħir li saħansitra ħallewha barra.

<u>Jacqueline</u>

1. Ħafna kandidati wieġbu tajjeb għall-ewwel parti ta' din il-mistoqsija. Kien hemm ftit li qalu *alliterazzjoni* minflok onomatopea. Bosta kienu dawk li batew biex jiktbu tajjeb it-terminu "onomatopea" u l-verżjonijiet tagħha kienu ħafna. Ir-risposti dwar l-effett kienu kważi kollha: *il-ħoss li jagħmlu l-boroż tal-karti li fihom ikun hemm il-pastizzi*. Ma saret l-ebda emfasi fuq l-effett li tħalli l-onomatopea, jiġifieri li dak il-ħoss kien ifakkru fil-pastizzi li tant kien jippreferi minn ikla f'restorant. Kien diffiċli ħafna li jingħataw l-erba' marki kollha meta r-risposta kienet xotta ħafna. Xi wħud kienu tweġibiet ġenerali bħal *l-awtur juża l-onomatopea ħalli l-qarrej jidħol aktar fis-silta, permezz tal-onomatopea l-qarrej jista' jisma' l-ħsejjes tal-affarijiet li jiġru fl-istorja, onomatopea hija meta l-ħoss tal-kelma huwa bħall-ħoss li jiġri tassew*. Dawn it-tweġibiet huma aktar immirati biex jiddefinixxu onomatopea milli biex joħorġu t-tħaxwix tal-boroż tal-karti tal-pastizzi x'kien ifisser għal Mario; jiġifieri, il-kandidati mistennija li jfissru l-figura fil-kuntest.

2. Ħafna mit-tweġibiet għal din il-mistoqsija kienu tajbin. L-aktar karatteristiċi li spikkaw kienu dawk tal-mistħija, tas-sempliċità, u tal-ħażen. Għal dawn ingħataw eżempji tajbin. Ftit kienu dawk li semmew l-indeċiżjoni. Xi wħud mill-kandidati ma fehmux xi tfisser il-kelma "karatteristiċi" u taw eżempji bħal *iħobb il-pastizzi, jħobb tfajla li tikkuntenta bil-pastizzi,* u *allerġiku għat-tadam*. Kien hemm ukoll min uża kliem kollokjali u baxx li mhuwiex postu f'eżami formali.

3. Din il-mistoqsija twieġbet tajjeb u saret emfasi fuq il-fatt li kienet Jacqueline li għamlet l-ewwel pass; eżempju ta' tweġiba tajba: *Naf li ma kinitx tistħi għaliex ma ddejqitx turi x-xewqa tagħha biex toħroġ ma' Mario mhux bħalu li meta tbissmitlu dawwar wiċċu biex ikun ċert li qed titbissem lejh*.

4. Għalkemm ħafna mir-risposti kienu jitkellmu dwar l-indeċiżjoni ta' Mario (eż. *għax kien mifxul u konfuż fuq x'ser jagħmel*), kien hemm min ma fehemx il-mistoqsija. Ġeneralment min wieġeb tajjeb għall-mistoqsija (a) wieġeb tajjeb għall-(b) ukoll u saret emfasi fuq il-fatt li persuna ta' dik l-età m'għandhiex iġġib ruħha b'mod hekk immatur.

5. Ma kinux ftit dawk li taw tweġiba ħażina għal din il-mistoqsija. Fil-fatt kien hemm ħafna li wieġbu *mar ħdejn ir-restorant qabel ma' ltaqa' ma Jacqueline*.

**It-Tieni Karta B – Il-Komponimenti Letterarji**

<u>*Bejn Ħaltejn* (barra *Il-Ħarsa ta' Rużann*)</u>

Il-biċċa l-kbira tal-kandidati dehru li kienu familjari max-xogħlijiet li kellhom jiktbu dwarhom f'din it-taqsima. Xorta imma kien hemm min wera li ma kellu ħjiel ta' xejn u ma pprepara xejn għal dan l-eżami.

Apparti l-iżbalji ortografiċi, li fosthom kienet tispikka l-kelma *taha* (minflok "tagħha"), kien hemm għadd ta' kandidati li fil-kitba ma ddistingwewx bejn il-Malti standard u dak djalettali: *jaruwa* (jaraha), *nistew* (nistgħu). Ħafna wkoll ma jagħmlux distinzjoni bejn il-mod kif tikteb u l-mod kif titkellem.

1. Kien hemm numru ta' kandidati li f'din it-taqsima ma ppreżentawx esej letterarju meta għażlu komponiment numru 1. Minflok, qagħdu jitkellmu fuq l-imħabba b'mod ġenerali, kemm hu sabiħ li tħobb, eċċ. F'dawn il-każijiet ma saret l-ebda referenza għax-xogħlijiet letterarji u għalhekk intilfu l-marki kollha. Punt ieħor ta' min jinnota hu li huma u jirrispondu din il-mistoqsija, numru sostanzjali ta' kandidati użaw it-testi li kellhom quddiemhom fl-ewwel u t-tieni taqsima. Fil-fatt raw kif għamlu u ttrattaw l-argument tal-imħabba mil-lenti tal-omm lejn uliedha (Refuġjata), l-imħabba li m'għadhiex teżisti (Jum San Valentin), u saħansitra l-bidu tal-imħabba (Jacqueline). Ippruvaw ukoll jimpressjonaw lill-marker billi jikkwotaw ix-xogħlijiet (xi ħaġa li setgħu jagħmlu faċilment għax kemm dawru l-paġna tal-karta tal-eżami u kkupjaw kelma b'kelma). Deher in-nuqqas ta' preparazzjoni tagħhom meta ħallew barra poeżiji bħal Niftakar u Katrin tal-Imdina fejn l-imħabba kienet bla dubju t-tema prinċipali, wisq aktar minn kif dawru t-tema huma. Nuqqas ieħor li sar minn min għażel dan l-esej kien li kiteb biss fuq l-imħabba espressa minn bniedem lejn ieħor u ħalla għalkollox barra l-argument l-ieħor li l-imħabba tista' wkoll tkun espressa minn bniedem lejn annimal. Numru żgħir ta' kandidati spjegaw ukoll dan l-argument billi minflok irreferew għas-silta Firda minn Kelb, irreferew ftit għall-*imħabba* li kellha Ċensina għall-ġrieden fin-novella Ċensina. Eżempji ta' ineżattezzi u żbalji oħra li ħarġu mill-komponimenti kienu l-ivvintar ta' titli bħal *L-Aħħar Jum tal-Kelb, Il-Kelb, Il-Kelb tal-Għassa* (flok "Firda minn Kelb") u l-ivvintar ta' ismijiet, *Il-kelb kien jismu Fido* (flok Bobby).

2. Kien żball komuni ħafna li fin-novella Bank jissemma li *Frans* (mhux Krazju) kien il-protagonist. Inħass f'xi każijiet in-nuqqas ta' preparazzjoni u familjarità mat-test. F'din in-novella kien hemm xi kandidati li rreferew għal *bank fi ġnien* jew *fil-ġnien tal-iskola*. Xi wħud saħansitra rreferew għalih bħala *l-Bank tal-flus*, u oħrajn urew li ma jafux jagħrfu jekk il-kitba hijiex awtobijografika jew le bir-rakkont fl-ewwel persuna. Iddaħħlu ħafna dettalji li mhumiex preċiżi u li juru li n-novella żgur ma qrawhiex sew għax semmew lil *Karmenu* (minflok Krazju), u qalu li *kien ir-raġel li jnaddaf* u li ra l-ismijiet u l-qalb bejniethom meta kien qiegħed ifarfar. F'ħafna esejs il-konklużjoni kienet repetizzjoni tal-introduzzjoni. Kien hemm komponimenti sħaħ mingħajr paragrafi. Kienu ftit dawk li ma laħqux it-tul meħtieġ ta' 200 kelma. Ħafna kitbu fit-tul għaliex mhux dejjem kienu kapaċi jagħfsu fuq referenzi speċifiċi għall-mistoqsija u minflok intilfu jirrakkuntaw. Xi wħud mill-kandidati li għażlu t-tieni mistoqsija dehru li kienu familjari sewwa mal-kontenut u t-tema f'Bank u f'Geraldine, għalkemm kien hemm ukoll dawk il-waħdiet li qabdu u vvintaw storja huma. Żball komunissimu kien li bosta kandidati rreferew għall-poeta u l-awtur b'isimhom biss flok bil-kunjom biss jew bit-tnejn. Fil-fatt kienu ħafna dawk li rreferew għalihom bħala *Trevor* u *Frans*; jiġifieri, kemm fil-poeżija Geraldine u kemm fin-novella Bank ħafna m'għarfux jiddistingwu bejn il-poeta/l-awtur u l-protagonisti f'diversi referenzi żbaljati bħal: *Għalkemm Trevor Żahra llum miżżewweġ xorta għadu jaħseb f'Geraldine; Trevor qala' xebgħa ċintorin; Il-familja ta' Trevor Żahra ma riditux joħroġ ma' Geraldine għax kienet se tħawdu; Il-mara ta' Frans* (flok Krazju) *mietet għax meta tisgħol bdiet tobżoq id-demm; Sammut mititlu l-mara u kien vera mweġġa'; Frans giref ismu fuq bank fil-bitħa tal-iskola.* Eżempji ta' aktar ineżattezzi huma dawn: il-werżieq li ngħata lil Geraldine sar *farfett ibbalzmat, ġurat* u saħansitra *gremxula,* filwaqt li ċ-ċikkulata ma kinitx *Mars* imma *Snickers; Geraldine telgħet mas-siġra u qatgħet prinjolata; Tgħidx x'ikla tin kielu* (flok ħawħ)*; Nina mardet bil-kanċer tas-sider;* flok Krazju u Nina l-karattri kien jisimhom *Grezzju u Salvina; Krazju difen lil Nina Ireland.*

*Il-Ħarsa ta' Rużann*

Filwaqt li kien hemm kandidati li wrew li ħadu x-xogħol bis-serjetà u studjaw, xi oħrajn dehru li ma ppreparawx ruħhom biżżejjed. Saħansitra kien hemm min aktarx lanqas biss qara r-rumanzett jew litteralment nesa kollox u qabad u vvinta storja hu b'ħafna tiżjin barra l-kuntest. Kienu wkoll ħafna l-kandidati li ħawdu l-karattri bejniethom, xi ħaġa li ma tirriflettix preparazzjoni tajba u biżżejjed qabel

ma wieħed jersaq għal eżami f'dan il-livell. Kien hemm anke min irrefera ħażin għall-ġeneru tax-xogħol u ma sejjaħlux "rumanzett".

Il-mistoqsijiet tal-esejs jidhru li ntgħoġbu t-tnejn u ma jidhirx li kien hemm waħda li ġiet ippreferuta iktar mill-oħra. Il-maġġoranza tal-kandidati rnexxhielhom jilħqu t-tul meħtieġ (200 kelma). Xi kandidati ntilfu jirrakkuntaw u ma ffukawx fuq eżempji u referenzi speċifiċi li kienet titlob il-mistoqsija. F'dan il-komponiment inħasset ħafna d-diffikultà tal-kandidati sabiex jiktbu introduzzjoni tajba. Ħafna drabi din kienet repetizzjoni tal-mistoqsija mogħtija. Numru mhux ħazin ta' komponimenti kienu mingħajr introduzzjoni jew/u konklużjoni. L-għadd ta' żbalji ortografiċi f'xi komponimenti għarrqu l-kitba filwaqt li f'oħrajn, għalkemm l-ortografija ma kinitx batuta, kienet tinħass diffikultà kbira fl-espressjoni. F'dawn il-każijiet spikka n-nuqqas ta' qbil bejn in-nom u l-aġġettiv. Jidher iżda li r-rumanzett intlaqa' tajjeb u l-maġġoranża ta' dawk li qagħdu għal din il-karta qraw jew semgħu tajjeb ir-rumanzett u setgħu jirrakkuntaw episodji mill-ġrajja u anke jorbtuhom mas-suġġetti tal-mistoqsijiet.

Eżempji ta' ineżattezzi u ħmerijiet: *Mark Antonin kien it-tifel tar-re; Mark Antonin kien it-tifel tal-ħakem; Mark Antonin kien jivvjaġġa ħafna madwar il-European Union; Rużann ma riditx tiżżewweġ lil Mark Antonin u għalhekk talab lil Marija tiżżewġu hi; Rużann ħarbet u Mark Antonin kellu tifla li semmieha Marija; Rużann għall-ewwel ma qalet lil ħadd li kienet tqila imma mbagħad kellha tgħid għax maż-żmien il-ħwejjeġ ma baqgħux jiġuha; Mark Antonin kien iċemplilha kuljum lil Rużann biex jara kif inhi; Ħu Mark Antonin kien bravu, dejjem jiġi l-ewwel fil-klassi; Ħu Mark Antonin tahom linef bħala rigal tat-tieġ* (flok gandlieri)*; It-tifel ta' Rużann, Karmenu, kellu x'jaqsam ma' Marija; Marija żżewġet lil ħu Mark Antonin u laħqet barunessa; Rużann u Mark Antonin iżżewġu avolja missieru ma riedx; Ġina kellha lil Lina* (flok Luċija)*; Pietru żżewweġ lil Ċensina* (flok Salvina)*; Karmenu żżewweġ lil Salvina* (flok Lurenz)*; Marija żżewġet lil Ġannikol il-pastizzar; Marija kienet taħdem fil-ħanut ta' Mark Antonin; Mark Antonin kellu demmu blu u Rużann kellha demmha aħmar; Dak iż-żmien mara ma setatx tiżeweġ raġel uman meta hi kull ma kienet bidwija.*

Il-faqar fil-vokabularju u l-grammatika jidher ukoll f'dawn l-eżempji: *Il-ħut tiegħu* (minflok ħuh)*; Rużann kienet bidwi; Rużann kienet omm xebbiehi* (flok xebba)*; Marija kienet servuta* (flok seftura/serva)*; Marija kienet skjava tal-Baruni ż-żgħir.* Kien hemm ukoll tgerfix fit-tifsira tal-kliem "antenati" u "dixxendenti": *Rużann kienet dixxendenta ta' Marija. Rużann baqgħet tieħu ħsieb lill-antenati tagħha.*

L-ortografija wkoll batiet ħafna u l-maġġoranza assoluta tal-kandidati tilfu l-marki abbinati magħha. Dan ifisser li kienu verament ftit il-kandidati li kellhom anqas minn ħames żbalji ortografiċi. Ta' min jinnota wkoll li minbarra tgerfix fl-ismijiet tal-karattri, kien hemm numru sostanzjali ta' kandidati li kitbu l-isem ħażin. Kienu ħafna dawk, ngħidu aħna, li kitbu isem "Rużann" b'"n" waħda flok bi tnejn (*Rużan*). Dan in-nuqqas huwa kbir speċjalment meta fuq il-karta tal-eżami stess (p. 6), l-isem "Rużann" hu miktub ħames darbiet! Numru kbir ieħor ta' kandidati rreferew għal Mark Antonin bħala *Mark* biss jew *Antonin* biss.

Bħala tqassim ta' paragrafi, ħafna wrew li jafu kif għandu jitqassam esej tajjeb però xorta kien hemm ħafna li, għalkemm qassmu x-xogħol f'paragrafi, ma bdewx b'introduzzjoni tajba u lanqas għalqu b'konklużjoni xierqa. Jiġifieri, qabdu u bdew jitkellmu jew jirrakkuntaw dwar ir-rumanzett mill-ewwel mingħajr referenza għas-suġġett magħżul. U bl-istess mod qabdu u għalqu mingħajr għeluq xieraq.

Dawn li ġejjin huma xi ideat li ssemmew għall-mistoqsija numru 1 minn dawk li ma qablux mal-isem <u>Il-Ħarsa ta' Rużann</u>: *Ma naħsibx li hu isem addattat. Aktar kien ikun addattat xi isem bħal "L-Emanċipazzjoni tal-Poplu Malti"; Ma naqbilx mat-titlu għax Rużann fil-bidu biss tissemma; Ma naqbilx li semma lil Rużann biss fit-titlu għax anke Mark Antonin kien importanti.*

F'mistoqsija numru 2, ġeneralment il-kandidati marru aħjar iżda kienu ħafna li bbażaw kważi l-esej kollu fuq ir-relazzjoni li kellu Mark Antonin ma' Rużann u ftit li xejn semmew ir-relazzjoni li kellu ħu Mark Antonin ma' Marija. Fil-fatt kien hemm min tilef il-marki għax fil-komponiment tiegħu r-relazzjoni bejn ħu Mark Antonin u Marija ma ssemmiet imkien.

*Kummenti ġenerali*

B'mod ġenerali, il-mistoqsijiet mogħtija kemm bħala Referenza għall-Kuntest kif ukoll bħala Komponimenti Letterarji, kienu ta' livell tajjeb.

Tajjeb li l-esej jinkiteb fit-Temp Imperfett (bl-Ingliż il-*historic present*): eż. "Mario Azzopardi jgħid..." (mhux *Mario Azzopardi qal*). Il-konvenzjonijiet tal-esej iridu jinżammu (eż. it-tqassim tal-ideat f'paragrafi, l-introduzzjoni, il-konklużjoni). Fil-kontenut tal-esej irid ikun hemm aktar argumenti b'rabta mas-suġġett tal-mistoqsija u l-ideat iridu jintrabtu flimkien biex jagħtu komponiment li jimxi sewwa minn idea għal oħra (u mhux jinħass qisu lista ta' punti).

Il-markers iħossu li l-istat tal-ortografija huwa ħazin ħafna. Esprimew l-idea wkoll li ħafna mill-ħwejjeġ hawn imsemmija ilna ngħiduhom is-snin, imma l-livell minflok qiegħed jitjieb qiegħed dejjem imur għall-agħar. Il-livell ġenerali kien wieħed medjokri ħafna. Tintebaħ minnufih li hemm għadd kbir ta' kandidati li għadhom jiktbu l-Malti tagħhom bla ħsieb ta' xejn. Hekk kif tiġihom f'moħħhom il-kelma jaqbdu u jniżżluha mingħajr lanqas biss jippruvaw janalizzawha u jaraw kif tinkiteb. Dan huwa nuqqas kbir u serju li jrid jingħata importanza biex forsi l-livell ġenerali jitjieb xi ftit. Kien hemm ukoll għadd kbir ta' ereżijiet.

Barra minn hekk, kienu bosta dawk il-kandidati li ma żammewx mat-tul mitlub minnhom fil-kitba tal-esej letterarju. Fil-Karta 2B, il-kandidat huwa mitlub jikteb biss 200 kelma: qed ngħidu "biss" għax anke hawn, 200 kelma huwa t-tul mitlub minn student li qiegħed jagħmel l-eżami fil-Form 1, età ta' 11-il sena. U ssib li ħafna, f'dan l-eżami taċ-ĊES, fl-età ta' ħmistax/sittax-il sena, jiktbulek mal-150 kelma jew inqas. Ġieli anke inqas minn 100 kelma! Bil-konsegwenza li tilfu għadd ta' marki għax ma żammewx mat-tul mitlub minnhom. Kien hemm xi waħdiet li qabżu bil-bosta l-ammont tal-kliem – dawn setgħu qagħdu għall-Karta 2A. Naturalment il-fatt li ma qagħdux mal-ammont stipulat xorta tilfu l-marki. Tajjeb ukoll li l-kandidati jniżżlu l-ammont ta' kliem wara l-esej tagħhom.

Ta' min jgħid ukoll li ammont kbir ta' komponimenti letterarji kienu superfiċjali għall-aħħar. Ħafna kandidati kemm jaqbdu u jagħtu parafrasi tal-poeżija jew tas-silta ta' proża mingħajr ma jagħtu kas tal-kliem kif inhu mqiegħed eżatt fil-mistoqsija. Għalhekk, jitbiegħdu mill-għan tal-mistoqsija. U min fehem il-mistoqsija, kulma għamel huwa li ta parafrasi tas-siltiet. Ma hemm l-ebda sens ta' kummenti u kritika fix-xogħol tagħhom. Ma jafux jinfilzaw il-kritika tagħhom personali f'dak li jiktbu. Dan huwa nuqqas ieħor serju ħafna. Jidher ċar li ħafna kandidati ma għandhom l-ebda idea ta' kif issir kritika serja u tajba ta' xogħol letterarju, u ma jagħmlux distinzjoni bejn parafrasi u kritika.

Ftit kienu dawk li ma tawx kas it-tqassim tal-komponiment. Fil-maġġoranza, kollha kitbu mill-inqas erba' paragrafi. Xorta kien hemm min kiteb paragrafu wieħed biss u tilef il-marki għat-tqassim tal-paragrafi. Għal dawn, il-kunċetti ta' introduzzjoni u konklużjoni ma jeżistux. Xorta iżda rridu ngħidu li kien hemm introduzzjonijiet u konklużjonijiet tassew tal-biki, u għalhekk tilfu wkoll il-marki mogħtija għal din il-parti importanti tal-komponiment.

Bħala referenzi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija kien hemm mhux ħażin. Kien hemm ukoll xi kwotazzjonijiet biex jissaħħu l-argumenti li jkunu qed jiġu żviluppati. Il-kandidati jridu joqogħdu attenti li l-ismijiet tax-xogħlijiet li jidhru f'Bejn Ħaltejn u l-ismijiet tal-kittieba, jinkitbu tajjeb, bla ebda żball. Importanti li ma' kull xogħol jidher il-kittieb tiegħu almenu darba f'esej. Kien hemm xi wħud li tfixklu u ħawdu xi poeżiji/siltiet ma' poeżiji/siltiet oħra. Jew qalbu l-ismijiet tal-kittieba. U oħrajn li sempliċement jgħidu *il-poeta* jew *il-poeżija* jew *il-kittieb* jew *is-silta* bla ma ssib imkien l-isem tal-poeta/kittieb jew tal-poeżija/proża. Dan kollu jixhed traskuraġni u nuqqas ta' għarfien.

Jidher ċar li ftit mill-kandidati jagħmlu distinzjoni bejn il-Malti mitkellem u l-Malti miktub. Għadhom ma jafux li f'xogħol ta' dan il-livell, anki jekk għall-Karta 2B, għandhom kemm jista' jkun jiktbu Malti idjomatiku u mexxej. Ftit li xejn jagħtu kas għall-espressjoni fil-kitba tagħhom.

Bħala figuri tad-diskors (fil-mistoqsija tar-Referenza għall-Kuntest), jidher li l-kandidati jafuhom mhux ħażin. Mhux l-istess fejn jidħol it-tagħrif fuq il-versi (versi ħielsa/metrika miftuħa, ismijiet tal-versi, tal-fard/taż-żewġ, wati/tronk, sempliċi, eċċ) għax ħafna wieġbu ħażin.

Fil-komponiment tat-Tielet Taqsima, mistoqsija 1, kienu bosta dawk li kkonċentraw biss fuq l-imħabba bniedem-bniedem u injoraw kompletament l-imħabba bniedem-annimal. F'mistoqsija 2 imbagħad, it-tweġibiet kienu passabbli, għalkemm ħafna kulma għamlu kien biss parafrasi. Fil-komponiment tar-Raba' Taqsima, min għażel numru 1 ta raġunijiet tajbin u validi għala l-isem huwa addattat/mhux addattat. F'mistoqsija 2 imbagħad, kien hemm min ħawwad bil-bosta. Kien hemm min kiteb li Mark Antonin kellu relazzjoni ma' Marija; li ħu Mark Antonin iżżewweġ lil Marija u kellu t-tfal. Bħala ismijiet imbagħad ta' karattri, kien hemm ukoll xi taħwid.

Aktar nuqqasijiet:

- Ineżattezzi u tfixkil fl-ismijiet tal-poeti/prożaturi u x-xogħlijiet. Barra minn hekk, għal xi wħud mill-kandidati l-kittieba huma kollha poeti u s-siltiet tal-proża wkoll isejħulhom poeżiji. Meta jsemmu x-xogħlijiet ma jagħmlux l-*inverted commas,* imbagħad jiktbu isem il-kittieb fl-*inverted commas*.
- Żbalji tas-soltu fejn tidħol l-"għ".
- Żbalji serji: *versi maqsumin/mħawda/mdaqqsa; poeżija elerġika/eloġju* (eleġija) għal Niftakar*; il-poeta kienet; il-poeta qed juża strofi f'paragrafi; il-versi tal-poeżija mhumiex sillabi; Il-versi huma kollha ħielsa. Kull vers huwa tal-istess tul.; Il-kittieb ta' din il-proża meta kiteb din il-poeżija …; Rużann dejjem iġġorr il-bandiera Maltija warajha u qatt ma tkellmet b'lingwa oħra; Rużann iltaqgħet ma' Prinċep li qatt ma kienet rat bħalu*; *Rużann tirrappreżenta lil Malta Għarbija biss*; *Palazz Anglossasos* (flok de Los Ingallos); *żewġu* (minflok "il-mara"); *anomatomija* (għal "onomatopea"); għal Jacqueline mistoqsija 1b *meta taqrah il-vers jagħmel ħoss minnu*; għal Refuġjata mistoqsija 2a *Hemm rima maqbuża / mbeżża' / kwadrilittera / internata / imqaddsa / aċċidentali* (kien hemm min qal madankollu li ma hemmx rima regolari, kif kellha tiġi t-tweġiba).
- Xi wħud jirreferu għall-kittieba b'isimhom biss: eż. *Ġużè kiteb storja awtobijografika, jidher li Trevor baqa' jiftakar din l-esperjenza tat-tfulija*.
- Ħafna użaw l-artiklu mal-ismijiet b'mod speċjali fil-komponimenti letterarji fuq Il-Ħarsa ta' Rużann fejn wieħed seta' jinnota eżempji bħal *lir-Rużann*, *Rużann kellha lill-Karmenu*.

*Nota fuq l-użu tal-kliem mill-Ingliż fl-esejs letterarji*

- Xi wħud mill-eżempji wrew li l-lingwa kif użata mill-kandidati rriflettiet il-lingwa ħajja li tintuża fis-soċjetà bilingwi tagħna: *In-nisa kienu jiġu treated differenti; Marija kienet hard working ħafna; Marija kienet helper fid-dar tal-Baruni; Marija kienet taħdem fil-bar tar-raġel; kontra l-gender tan-nisa; l-owner tal-kelb ħassu down għax il-kelb maradlu ħtija tiegħu; il-ġenituri ta' Zahra kienu overprotective; Geraldine kienet qisha tomboy; Zahra ġie fit-trouble; għamlu l-initials tagħhom fuq il-bank*. Wieħed għandu jiskuraġġixxi din ix-xorta ta' kitba f'dan l-eżami billi jrawwem lill-istudenti jaħsbu aktar bil-Malti meqjus.
- Kien hemm użu bla ħtieġa ta' kliem bl-Ingliż għax xi wħud mill-kandidati sabu diffikultà biex jesprimu ruħhom b'Malti tajjeb u fejn weħlu, qabdu u kitbu l-kelma bl-Ingliż. B'eżempju nsemmu dawn: *Mark Antonin għandhu heart kbir; Għajneja kienu blu ta sea; Kellhom relazzjoni tar-rebel; sid il-kelb mar għand il-pulizija biex jixxuttjaw il-kelb* (to shoot), *il-kelb kellu jiġi putdown*; *Geraldine kellha xagħarha blond*; *fil-poeżija Geraldine nirrealizzaw kemm il-poeta kellu bond kbira magħha*; *Krazju Ebejer sar il-hero tar-raħal*. Kien hemm ukoll min kiteb sentenzi sħaħ bl-Ingliż.

**Konklużjoni Ġenerali**

Il-Bord tal-Eżaminaturi kien magħmul minn tim ta' 25 għalliem speċjalizzati fil-Malti, ġejjin minn skejjel u istituzzjonijiet differenti. L-istampa li ddeskrivew f'dan ir-rapport hija reali.

Dan ir-rapport daħal fid-dettall bit-tama li jingħata widen għax ċerti ideat insibuhom repetuti f'bosta rapporti mgħoddija. L-eżaminaturi jemmnu li hemm bosta għalliema serji f'xogħolhom imma jitħassbu għala ħafna kandidati qed imorru ħażin – jiġifieri, dak li qed jipproduċu l-kandidati fil-karti tal-eżami mhux qed jirrifletti għaxar snin ta' skola obbligatorja u ta' tagħlim formali.

*Iċ-Chairperson*
*Il-Bord tal-Eżaminaturi 2015*